# Madonna Ta' Pinu

Sena XXIX Vol XI Nru. 146 Lulju - Settembru 2008



## Il-Pellegrinaġġ

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

# *Madonna Ta' Pinu*

Perjodiku ta' kull tliet xhur



**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Maureen Attard, Esther Bajada, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*



**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
***L-Editur,*** *"Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187 Fax: 2156 2350*
*E-mail: theeditor@tapinu.org*

**Abbonament għas-sena 2008:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | **€ 6.00** |
| *Ewropa* | **€14.00** |
| *Barra mill-Ewropa* | **€17.00** |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |

***Sena XXVIII Vol X Nru. 146***
***Lulju - Settembru 2008***




**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** Wieħed mill-ewwel pellegrinaġġi organizzati lejn il-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu wara l-1883.

***Wara:*** Kalendarju 2009 li jfakkar iċ-Ċelebrazzjonijiet tal-125 sena mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu.

***Disinni fil-bidu ta' kull artiklu:***
*Dettal ta' l-iskultura* - Wistin Camilleri,
u Mużajċi li jinsabu fis-*Santwarju Ta' Pinu*


***Ringrazzjament***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Archivio Foto. Marconi, Bologna, Italja.*

**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219



© Copyright Ta' Pinu Publications 2008
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


## *F'din il-Ħarġa...*


**1** Il-Kelma tar-Rettur *Stedina mis-Sema: Qed Timxi?*

**3** It-Tifsira tal-Pellegrinaġġ għall-Poplu Lhudi

**5** Il-Pellegrinaġġ mixja ta' Konverżjoni

**7** Il-Pellegrinaġġ fl-Antikita` Kristjana

**9** Pellegrini lejn is-Sema Pajjiżna!

**10** Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona

**14** Il-Pellegrinaġġ... xbieha tal-mixja tan-Nisrani lejn is-Santwarju tas-Sema

**19** Lectio Divina: *"Ejjew u taraw"*

**22** English Corner *Marian Apparitions*

**24** Ħsibijiet Marjani: *Marija Mara ta' żmienna*

**26** Sliem Għalik: *Marija, gwida fil-vjaġġ tagħna*

**27** Poeżija fl-okkażjoni tal-125 Sena minn meta l-Madonna kellmet lil Karmni Grima

**28** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**30** Mela Darba: *Kien hemm raġel jismu Franġisk*

**37** L-Għanja tal-Qaddejja 2 parti

**39** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**40** Preżentazzjonijiet tat-Tfal


## *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*

**Biex kull min jżur is-Santwarju Ta' Pinu f'din is-sena speċjali, jimxi l-mixja tal-ħajja b'ħarstu lejn is-Sema taħt il-gwida tal-Verġni Marija**







Illum, meta wieħed imur għad it-tabib tiegħu biex jagħmel xi *check-up* dwar is-saħħa fiżika tiegħu, waħda mill-mistoqsijiet komuni li spiss jistaqsi t-tabib hija propju din: "*Inti qed timxi?*" U jekk twieġbu "*mhux tant*" dlonk t-tabib jgħidlek: "*Ħabib/a jeħtieġ li inti timxi, trid timxi aktar, trid timxi ftit kuljum, jekk inti trid tieħu ħsieb saħħtek!*"

Din il-mistoqsija tat-tabib qatt ma kienet issir lin-nanniet tagħna, għaliex dawn ma kellhomx il-kumdita` u l-lussu li għandna llum. Dawn, kull fejn kienu jmorru, kienu jmorru dejjem bil-mixi u kienu nies f'saħħithom. Ma naħsibx li niżbalja jekk ngħid li aktar ma jikber il-lussu aktar qed insiru għażżiena fil-mixi tagħna. Minn naħħa l-oħra kemm jagħmulek kuraġġ meta fit-toroq tagħna, filgħodu kmieni jew tard filgħaxija tara gruppi żgħar ta' persuni jimxu flimkien. Iva xi ħaġa sabiħa li qed nintebħu li jeħtieġ li nieħdu ħsieb saħħitna.

Jekk huwa importanti li nieħdu ħsieb is-saħħa tal-ġisem tagħna kemm huwa iktar important li nieħdu ħsieb ukoll is-saħħa spiritwali tagħna? Dan għaliex il-bniedem mhux ġisem biss! Iva nisthajjel lill-Mulej Ġesu`, idur fuqi u mill-ġdid jistaqsini u jgħidli: "*Int qed timxi biżżejjed?*" Għandu raġun jagħmilli din il-mistoqsija għaliex kif jgħidulna ħafna qaddisin, Ġesu` huwa t-Tabib ta' Ruħna!

Qatt ħsibt li l-ħajja tiegħek fuq din l-art hija:
- mixja ta' Fidi?
- mixja lejn Alla?
- mixja lejn is-Sema?

Nisthajjel lil Ġesu` jgħidli:
- "*Ħabib jeħtieġ li timxi aktar fit-triq tal-Fidi!*"

Għażiż qarrej/ja, ħallini f'isem Ġesu` nistaqsik:
- qed timxi fil-Fidi?
- qed timxi l-quddiem fl-għarfien ta' Alla?
- qed timxi fit-triq ta' l-imħabba
- qed tintebaħ bil-preżenza ta' Alla f'ħajtek?

F'din il-ħarġa qed nitkellmu mill-"Pellegrinaġġ", għaliex il-Pellegrinaġġ magħmul kif jixraq huwa eżerċizzju mill-aqwa ta' kif jiena nista' nintebaħ li l-ħajja tal-bniedem hija mixja lejn dak Alla li qiegħed ta' kuljum jimxi lejna jew aħjar li qed jimxi magħna sakemm iwassalna fil-glorja tas-Sema.

Kif ngħidu, il-ħajja mhix ward u żahar. Iva, fil-ħajja hemm it-tbatija, hemm il-qtiegħ il-qalb, hemm l-għejja, il-biża' u ħafna aktar! U bilfors hekk, għaliex il-ħajja kif ġa għedna hija mixja, hija pellegrinaġġ. Is-sabiħ tal-ħajja nisranija huwa li f'din il-mixja, il-bniedem qatt ma huwa waħdu, iżda aħna lkoll familja waħda, f'mixja waħda.

Ejjew, mela mill-ġdid niskopru s-sbuħija u l-importanza tal-Pellegrinaġġ nisrani u niftakru li l-Verġni Marija, il-mara li imxiet il-mixja tal-fidi, mhux biss hija għalina mudell fil-mixja tagħna, iżda hija wkoll pellegrina magħna fit-triqtna lejn il-Dar tal-Missier tas-Sema. Ħa tkun għalina, mela, il-Verġni Marija, Omm u Gwida tul din il-mixja tagħna.

Tibżax, ħabib, kuraġġ, qum u imxi, u jekk qed tħoss it-toqol u l-għejja ta' din il-mixja, m'intix waħdek, agħtini jdejk u ejja ħa nimxu flimkien! ♦



***Il-Pellegrinaġġ Nazzjonali li sar nhar it-22 ta' Ġunju 2008 biex ifakkar il-125 sena mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu, li kien immexxi mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawlu Cremona O.P. u l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech. Dan il-pellegrinaġġ kien possibbli grazzi għall-organizzazzjoni perfetta mid-diriġenti ta' Radju RTK, u fih ħadu sehem iktar minn 1000 pellegrin minn Malta, flimkien ma' mijiet ta' Għawdxin.***

# It-Tifsira tal-Pellegrinaġġ għall-Poplu Lhudi



minn Mons. Lawrenz Sciberras

## Il-mixja fit-Testment il-Qadim

Meta xi ħadd jibda biex jaħseb dwar l-idea ta' pellegrinaġġ, flimkien mal-ħsieb ta' xi mixja qaddisa, wieħed dritt għandu jitlaq mit-Testment il-Qadim. U bir-raġun, għaliex dan iż-żmien huwa kollu figura u preparazzjoni fil-Knisja tat-Testment il-Ġdid. Il-poplu magħżul f'wieħed mill-akta forom qodma tat-twemmin tiegħu jistqarr: "*Missieri (Abraham) kien minn Aram, jiġġerra minn post għall-ieħor, imbagħad niżel l-Eġittu u għammar hemm. Żgħir kien il-għadd ta' niesu, iżda hemmhekk sar poplu kbir, qawwi u kortan*" (Dt 26,4-5). Dan il-kredu, il-Lhud kienu jgħiduh matul il-festi tal-pellegrinaġġi.

Il-Lhud huma wild ta' razza dejjem jiġġerrew, poplu semi nomadu. Huma dixxendenti ta' xi ħadd li għandu għan speċifiku; mexjin lejn skop preċiż u determinat, li huwa Alla stess. Huwa tassew interessanti kif il-Bibbja tat-T.Q. hija mimlija verbi u sustantivi li jirriferu għal xi mixja, jew pellegrinaġġ, lejn xi santwarju. "Tmur u tiġi, titla' u tinżel, tasal u terġa' lura, itterraq u tirritorna, tfittex u issib, tgħaġġel u titlajja. Pellegrinaġġi ta' din il-kwalita` dejjem jispiċċaw f'xi maqdes jew imkien ieħor ta' rabta qaddisa. Ta' min isemmi: is-Sinaj, Betel, Silo, Dan, muntanja Garizim, l-oqbra tal-patrijarki (Abraham Ġakobb) u matrijarki Sara, Rebekka,) mela Ħebron, il-qabar ta' Rakel, f'Betlehem, il-qabar tal-profeta Samwel, il-qabar tas-sultan David fuq l-għolja ta' Sijon, u fuq kollox il-belt il-qaddisa - Ġerusalemm.

## Abraham il-prototip

Il-prototip ta' dan kollu huwa Abraham, missier il-Lhud. Kien huwa li għall-amar t'Alla ħalla dak li kien fi żgur għalih u telaq jiġġerra lejn art li qatt ma kien rifes fuqha. Imma ħaġa tal-għaġeb, għaliex fil-waqt li kien miexi, intebaħ li ma kienx waħdu; miegħu kien hemm Alla. L-istess ħsieb u ħaġa għamlu l-patrijarki, hekk raw it-timbru u l-marka spiritwali fil-mixja tagħhom, u li pajjiżhom ma kienx hawn: "*Kollha bil-fidi mietu dawn in-nies.. għaliex għarfu li huma kienu barranin u għorba fuq l-art... huma qegħdin ifittxu pajjiż għalihom*" (Lhd 11,13-16).

## Mixja lejn il-maqdes

Dejjem skond l-idea ta' pellegrinaġġ fit-T.Q., l-Iżraelin kienu obbligati li jagħmlu tliet pellegrinaġġi lejn il-maqdes ta' Ġerusalemm (Eż 23,14-17). L-okkażjoni għal il-pellegrinaġġi kienu l-festi l-kbar tagħhom, mela dik ta' l-Għid, Pesaħ, dik tal-Ġimgħat jew Shavuot, u dik ta' l-Għarejjex Sukkot. Dan tal-pellegrinaġġ kien amar li jorbot sħiħ lill-irġiel Lhud kollha. Il-pellegrini kienu

jieħdu magħhom debħiet għas-sagrifiċċji. Iċ-ċentru ta' dawn il-pellegrinaġġi l-ewwel kien f'Silo (1 Sam 1,13), imbagħad sar f'Ġerusalemm. It-tradizzjoni Lhudija fil-Midrash Shir hashirim Zuta ta sebgħin isem lil Ġerusalemm. Uħud minnhom huma negattivi, imma il-biċċa l-kbira jfaħħru lil Ġerusalemm. Filun minn Lixandra fit-trattat "In Flaccum", 46, u Ġ. Flavju fit-trattat Contra Apionem, 1,38, isejħu lil Ġerusalemm metropolis, il-belt-omm.

Huwa kollu f'dan il-kuntest ta' mixja qaddisa lejn il-post l-aktar qaddis li l-Lhud qatt seta' jkollhom, mela t-tempju, li nibtu tant għajniet ta' ferħ u paċi tal-qalb kollha ifaħħru b'mod l-aktar għoli lil Ġerusalemm. Aktar 'il quddiem, dawn bdew jissejħu salmi tat-telgħat. (a) *"Fraħt meta qaluli 'sejrin f'dar il-Mulej'. Diġa` qegħdin riġlejna fi bwiebek Ġerusalemm"*. Sl 122. (b) *"Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għalxejn jitħabtu l-bennejja. Jekk il-Mulej ma jibnix il-belt, għalxejn jishar l-għassies"* (Sl 127), (c) *"Bħalma l-għoljiet iduru madwar Ġerusalemm, hekk il-Mulej madwar il-poplu tiegħu minn issa u għal dejjem"* (Sl 125,2). *"Ma ddawlekx aktar ix-xemx binhar, u lanqas jiddi il-qamar bil-lejl, għax il-Mulej ikunlek id-dawl għal dejjem u Alla tiegħek ikun sebħek"* (Is 60,19).

## Ġesu` pellegrin

Ġesu`, kemm meta kien għadu żgħir kif ukoll meta kiber, terraq bosta pellegrinaġġi lejn Ġerusalemm. Hekk mela huwa stess bierek u saħħaħ id-drawwa sabiħa ta' l-antenati tiegħu lejn dawn il-mixjiet bi skop purament qaddis. L-evanġelista Ġwanni jiftaħ il-Vanġelu tiegħu billi jgħid li Ġesu billi *"kien qorob l-Għid tal-Lhud, tela - anabainù - Ġerusalemm"* (Ġw 2,13). Okkażjoni oħra meta Ġesu għamel il-pellegrinaġġ qaddis lejn Ġerusalemm kienet il-festa ta' l-Għarejjex. Hawn ukoll l-Evanġelju jgħid: *"Imma wara li ħutu telgħu għall-festa tela' hu wkoll, mhux bid-dieher imma bil-moħbi"* (Ġw 7,10). Festa oħra Ġudajka li Ġesu` ha sehem qaddis fiha kienet dik tal-Konsagrazzjoni tat-tempju ta' Ġerusalemm: *"Imbagħad ħabtet il-festa tal-konsagrazzjoni tat-tempju. Kienet ix-xitwa, u Ġesu kien miexi minn naħa għall-oħra tat-tempju, fil-loġġa ta' Salamun"* (Ġw 10,22).

## Għan il-pellegrinaġġ

Il-għanijiet tal-pellegrinaġġ kienu varji, imma l-aktar prinċipali u ċentrali ma setgħux jonqsu. Fih innifsu l-pellegrinaġġ huwa mixja ftit jew wisq diffiċli. Bosta drabi wieħed kien irid iħabbat wiċċu ma' diversi problemi u qtigħ ta' qalb. It-triq twila, il-kondizzjonijiet tal mixja mwiegħra, biża' ta' xi attakk mill-ħallelin, il-kundizzjonijiet atmosferiċi eċċ. Pero` din il-mixja lil Lhud kienet tfakkarhom ukoll fil-mixja tagħhom ta' din id-dinja lejn Ġerusalemm tas-sema.

It-tieni għan tal-pellegrinaġġ huwa dak ta' radd il ħajr 'l Alla meta huma jaslu fis-santwarju tant għażiż għalihom. Dan ir-radd il-ħajr, bosta drabi, il-pellegrini kienu juruh b'mod tanġibbli billi joffru s-sagrifiċċju olokawst lil Alla. Dan il-ferħ tal-pellegrinaġġ kien ikun fl-ogħla tiegħu, meta dejjem jekk kien possibli, il-familja kollha kienet tmur Ġerusalemm biex hemm tieħu sehem attiv fl-offerta lil Alla. F'din l-okkażjoni l-membri tal-familja dejjem bi ftehim mal-qassis li jkun se jidbaħ l-offerta, kienu jieklu flimkien xi parti mill istess debħa. Hekk din kienet tkun laqgħa tassew qaddisa u li tfuħ lil Alla.

## Konklużjoni

Il-pellegrinaġġ, għalhekk, tal-poplu Lhudi dejjem kellu għan qaddis daqs kemm preċiż ta' x'se jsir fih. Kienet meħtieġa għalhekk il-preparazzjoni minn qabel it-tluq tal-mixja. Fuq kollox waqt l-esekuzzjoni ta' l-offerta fuq l-artal lil Alla, kienu meħtieġa dejjem it-talb, il-kant tas-salmi u fuq kollox id-dispożizzjoni tal-qalb. Huma kollu f'dan il-kuntest li Koħèlet iwissi: *"Qis il-pass li tagħmel inti u tersaq lejn id-dar ta' Alla. Li tersaq biex tisma' hi ħaġa aqwa mill-offerta tas-sagrifiċċju tal-boloħ, li anqas biss jafu x'qegħdin jagħmlu ħażin"* (Koh 4,17).♦

# Il-Pellegrinaġġ *mixja ta' Konverżjoni*



**minn Patri Anton Farrugia, ofm**

Bħalma l-poplu t'Alla fir-Rabta l-Qadima mexa għal diversi snin fid-deżert sa ma wasal fl-art imwiegħda, hekk ukoll aħna l-poplu l-ġdid tal-Mulej sakemm għadna f'din id-dinja ninsabu f'mixja lejn is-Sema pajjiżna. Dan ifissru tajjeb ħafna *l-pellegrinaġġ* li ħafna nsara jħobbu jagħmlu lejn xi Santwarju fil-pajjiż tagħhom stess jew f'xi art barranija.

Pellegrinaġġ importanti fil-ħajja ta' kull nisrani baqa' bla dubju ta' xejn dak lejn l-Art Imqaddsa. Imma mal-medda tas-snin inħolqu pellegrinaġġi oħra li saru famużi bħal dak lejn il-belt ta' Ruma fuq l-oqbra ta' San Pietru u San Pawl, l-għar ta' San Mikiel fuq l-għolja tal-Gargano l-Italja u San Ġakbu ta' Campostella fi Spanja.



Barra minn hekk, f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja, maż-żmien sviluppaw santwarji marjani li xi wħud minnhom saru ċentri internazzjonali ta' pellegrinaġġi. Biżżejjed insemmu s-santwarji pontifiċji ta' Loreto u Pompei fl-Italja, kif ukoll Lourdes fi Franza u Fatima fil-Portugal marbuta mad-dehriet tal-Madonna.

Illum ikollna nammettu li l-pellegrinaġġ tilef ħafna mis-sens oriġinali tiegħu u dan minħabba l-fatt li qabel il-pellegrini kienu jżuru s-santwarju bil-mixi u fi żmien twil li ġieli kien itul ix-xhur imma anke is-snin. Dan kien iwassal biex il-pellegrinaġġ iservi għal min jagħmlu bħala mixja ta' konverżjoni li anke illum, irridu niskopru mill-ġdid fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Maħfra.

Kull Santwarju għandu għalhekk joffri lill-pellegrini mhux biss saċerdoti disponibbli għall-Qrar, imma anke post dinjituż li fih dan is-Sagrament ikun jista' jiġi ċelebrat mingħajr għaġġla u f'ambjent ta' skiet u ġabra, ambjent li jgħin lill-pellegrin jidħol daħla fih innifsu u jibdel ħajtu tabilħaqq.

Is-Sagrament tal-Maħfra iġġedded fina l-grazzja tal-Magħmudija li nkunu tlifna bid-dnub. Għaldaqstant tkun ħaġa xierqa li l-pellegrinaġġ jibda dejjem b'tifkira tas-Sagrament tal-Magħmudija, jekk ikun possibli ħdejn il-Battisteru fil-knisja

parrokkjali billi jitbierek l-ilma u jintraxx fuq il-pellegrini.

Sabiex ma jintilifx is-sens tal-mixi fil-pellegrinaġġ, tajjeb li ssir mixja twila jew qasira, li fiha l-pellegrini jitolbu s-Salmi jew xi talb ieħor popolari bħal ma huwa r-Rużarju jew il-*Via Crucis*.

Tajjeb għalhekk li madwar is-Santwarju ikun hemm mogħdijiet maħsuba apposta li fihom il-pellegrini jkunu jistgħu jimxu u jieqfu biex jimmeditaw il-Misteri tal-Passjoni kif ukoll tar-Rużarju. Il-pellegrini għandhom jiġu mgħinuna jagħmlu dan permezz ta' kitbiet mirquma u b'siltiet mill-Kelma t'Alla lis-Santwarju għandu jieħu ħsieb li jippubblika, kif ukoll b'rappreżentazzjonijiet li għandhom ikunu mhux biss ta' livell artistiku u devozzjonali imma fuq kollox teoloġiku.

Minbarra l-aspett penitenzjali, l-pellegrinaġġ fih ukoll l-aspett ta' festa li jilħaq il-qofol tiegħu fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija. Għaldaqstant il-kustodji tas-santwarji, aktar milli jżidu ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Quddies, għandhom jaraw li jkun hemm Quddiesa apposta għall-pellegrini, li tkun animata tajjeb u li ssir dejjem f'ħin stabbilit.

Anke ċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tas-Sigħat għandha ssib postha fl-orarju ta' kull Santwarju, b'mod speċjali fil-Ħdud u l-festi bis-sehem tal-kleru u l-poplu.

Dan kollu jitlob spazju u għalhekk l-ispazji ċelebrattivi tas-Santwarju bħal ma huwa l-Altar, l-Ambone, is-Sedja u l-kappella tas-Sagrament għandhom jiġu proġettati bi ħsieb, b'mod li dawn l-opri jkunu mhux biss ta' livell artistiku għoli imma fuq kollox liturġiku.

Aspett ieħor tal-pellegrinaġġ jista' jkun dak tas-solidarjeta' lejn min qed ibati. Dan jinħass ħafna ġewwa Lourdes imma kull Santwarju jista' joħloq inizjattivi ta' karita' li permezz tagħhom il-pellegrini jiġu sensibilizzati biex jgħinu lil min huwa fil-bżonn.

Fl-aħħar imma mhux l-inqas, hemm l-aspett tas-*souvenirs* li ma nistgħux ninjorawh. Il-pellegrini li jżuru xi Santwarju fil-maġġoranza kbira tagħhom jħobbu jieħdu lura magħhom xi tifkira tal-post. Għalhekk sa fejn u kemm jistgħu, d-diriġenti tas-santwarji għandhom jaraw li l-oġġetti li jinbiegħu jittrasmettu l-ispirtu awtentiku tal-post u jżommu quddiem għajnejhom it-twissija tal-Mulej Ġesu` u ma jagħmlux is-Santwarju qisu xi suq! ♦





# Il-Pellegrinaġġ fl-Antikita` Kristjana

*mill-Arċ. Carmelo Refalo*

Fiċ-ċivilta` antika n-nies kienu jterrqu minn reġjun għal ieħor b'inqas diffikulta` milli wieħed jista' jaħseb illum. Kienet teżisti konnesjoni ta' toroq li għall-imperu Ruman fil-bidu tar-IV seklu kienet tinfirex fuq medda ta' 78,000 kilometru, bl-assistenza u l-akkumpanjament għall-pellegrini kollha. F'din iċ-ċirkustanza ta' spostamenti umani, kulturali, kummerċjali u reliġjużi, toħroġ b'ċerta relevanza l-importanza tal-pellegrinaġġi.

Nafu li l-prattika tal-pellegrinaġġi teżisti bħala fenomenu preżenti fir-reliġjonijiet kollha. Li wieħed b'mod individwali jew komunitarju jmur biex iżur post sagru għaliex immarkat bil-preżenza tad-divinita`, jew minn xhieda eċċezzjonali ta' xi qaddis, martri jew eroj biex jagħmel wegħda, penitenza jew jaqla' xi grazzja - dan kollu jikkostitwixxi waħda mill-aktar forom privileġġjati tal-gruppi reliġjużi.

Anke l-insara jagħmlu tagħhom il-prattika tal-pellegrinaġġ minħabba motivi ċari ta' min iwettaqhom. Jekk xi darba niltaqgħu ma' Missirijiet tal-Knisja li tkellmu kontra l-pellegrinaġġi, dan jagħmluh minħabba l-abbużi jew motivazzjonijiet żbaljati marbuta mal-pellegrinaġġi. Tant hu hekk li d-dinja Kristjana ssaffi d-drawwa qaddisa tal-pellegrinaġġ minn użanzi żbaljati li kienu ġejjin mill-ambjent Ġudajku jew Klassiku.

Li wieħed iterraq lejn post jew pajjiż mhux għajr simbolu ta' vjaġġ kollu kemm hu interjuri li l-pellegrin huwa msejjaħ biex iwettaq lejn il-qdusija jew lejn imħabba aktar perfetta lejn Alla u l-bniedem.

## *L-ewwel pellegrin*

L-ewwel pellegrin nisrani li nafu dwaru kien l-Isqof Alessandru tal-Kappadoċja li wara s-sena 200 żar Ġerusalemm biex "*iżur il-postijiet sagri u jitlob fihom*". L-istoriku Ewsebju ta' Ċesarea jsemmi lil dan l-ewwel pellegrin u jgħid li "*dawk kollha li jemmnu fi Kristu għandhom iżuru Ġerusalemm minn kull parti tad-dinja - biex jimxu fuq il-passi tas-salvatur*" (Storja Ekkleżjastika).

In-numru ta' knejjes mibnija mill-Imperatur Kostantinu fuq il-postijiet qaddisa juru interess qawwi mill-pellegrini biex iżuru dawn il-postijiet ġewwa Ġerusalemm. L-aktar post li kellu influss ta' pellegrini u interess fil-postijiet Imqaddsa kien Ġerusalemm. Kull post tal-Palestina li ra il-preżenza fuq l-art tas-Sinjur tagħna Ġesu` Kristu, isir punt ta' riferiment għall-pellegrini. Dawn fakkru lill-Omm ta' Ġesu`, billi sa mill-ewwel sekli iddedikawlha knejjes u monasteri.

## *Pellegrinaġġi lejn il-postijiet tal-kult Marjan*

Frott il-ġrajja tal- Ġdid Testment nistgħu nfasslu l-mappa tal-pellegrinaġġ li tant pellegrini kienu jterrqu biex iżuru postijiet Imqaddsa. Il-postijiet tal-pellegrini marbuta mal-kult Marjan kienu:

A) SEPHORIS - Il-Bażilika ddedikata lit-Tħabbira tal-Anġlu.

B) ĠERUSALEMM - Il-Bażilika ddedikata lit-Twelid tal-Verġni Imbierka ħdejn l-għadira Probatika: il-Bażilika tad-Dormizzjoni.

C) AIN KARIM - Il-Knisja tal-Magnificat.

D) KANA - Il-Bażilika ta' Kefar.

E) BETLEM - Il-Bażilika tan-Nativita`.

Minbarra l-postijiet indikati mill-Vanġeli nsibu wkoll postijiet indikati mit-testi Apokrifa li jsemmu postijiet oħra li magħhom l-insara tal-bidu rabtu postijiet tal-kult, f'kollegament mal-ħajja ta' Marija jew tal-familja tagħha. Dawn saħansitra jindikaw l-ismijiet tal-ġenituri tal-Madonna - Ġwakkin u Anna - li dwarhom il-Vanġeli Kanoniċi jisktu.

F'dan l-artiklu se nagħtu l-attenzjoni lil tliet postijiet li fl-Antikita` Kristjana kellhom influss ta' pellegrini minħabba l-importanza tagħhom.

### *Sephoris*

Il-pellegrini kienu jibdew l-itinerarju billi jżuru Sephoris, il-kapitali tal-Galilija, ftit kilometri 'l bogħod minn Nazaret. Wieħed għadu jista' jara l-abside tal-Knisja ta' żmien il-Kruċjati iddedikata lil Sant'Anna, Omm il-Verġni Imbierka. Skond il-protovanġelu ta' Ġakbu, hawn seħħet it-tħabbira mill-Anġlu Gabirjel. Ċertu pellegrin Anonimu minn Piacenza li żar il-post fis-sena 570 jgħid li f'dan il-post ra l-kattedra fejn il-Verġni Imbierka kienet qiegħda meta dehrilha l-Anġlu.



### *Nazaret*

F'Nażaret hemm il-Bażilika l-kbira tat-Tħabbira. Ftit 'l bogħod teżisti l-għajn tal-villaġġ antik, fejn twaqqaf is-Santwarju ddedikat lil San Gabirjel. Din il-Knisja hija mmexxija mill-Komunita` Griega - Ortodossa fit-tifkira tat-Tħabbira tal-Anġlu.

### *Ġerusalemm*

Post ieħor indikat bħala ċentru ta' pellegrinaġġi huwa l-post fejn seħħ l-immakulat konċepiment ta' Marija u t-twelid tagħha. Dan jixhduh il-kitbiet Apokrifa dwar ġrajjiet li seħħew ġewwa Ġerusalemm. Il-post indikat huwa fejn illum hemm il-bieb ta' San Stiefnu fiż-żona tal-għadira Probatika jew il-bieb tan-nagħaġ. Hawn insibu Knisja mibnija fuq id-dar ta' Ġwakkin u Anna. Fis-Seklu VII il-Patrijarka ta' Ġerusalemm, San Sofronju jikteb:

"*Nidħol fil-Probatika qaddisa, fejn il-Beata Anna tat id-dawl lill-Verġni Imbierka. Meta nidħol f'dan it-Tempju tal-Purissima u bla Tebgħa, l-Omm ta'Alla, inħaddan u nbus dawn il-ħitan għalija tant għeżież.*"

San Ġwann Damaxxenu, juża dan il-post għal waħda mill-priedki tiegħu fil-festa tan-Nativita` fit-8 ta' Settembru:

"*Sliem O Probatika*
*Santwarju qaddis tal-Omm ta' Alla.*
*Sliem o Probatika ta' Ġwakkin.*
*Darba servejt post fejn jinġabru l-merħliet*
*issa post fejn jurina lir-ragħaj.*
*Din il-Knisja li qegħdin fiha diġa` turi dak li ser inkunu fis-sema.*"

(Omelija fl-okkażjoni tan-Nativita` ta' Marija: IV)

L-Imperatur Ġustinjanu (527 - 565) ġewwa Ġerusalemm, faċċata tat-Tempju preċiżament fuq l-għolja biswit, bena ċentru ta' kult Marjan, kumpless li kien jinkludi Bażilika, post li jilqa' lill-pellegrini, post fejn jgħixu s-Saċerdoti, liema post huwa marbut mal-preżentazzjoni tal-Madonna fit-Tempju, liema post hu deskritt fil-protovanġelu ta' Ġakbu.

Indikajna 3 postijiet Marjani li fihom u lejhom il-pellegrini kienu jterrqu bix-xewqa li dawk il-pellegrinaġġi esterjuri jgħinu fil-mixja ta' fidi interjuri.♦

# PELLEGRINI LEJN IS-SEMA PAJJIŻNA!

*(Filippin 3, 20)*

minn D. Mikiel Galea




*Qed nippreżentaw il-kummentarju tal-feature li sar fl-ewwel parti tal-Velja ta' l-Assunta nhar l-14 ta' Awissu 2008. Il-feature jikkonsisti f'riflessjoni fuq l-Innu Marjan "Lejn is-Santwarju Ta' Pinu", mużika ta' Joe Formosa fuq versi ta' D. Gerard Buhagiar. Il-kummentarju u r-riflessjoni fuq l-innu li qed inġibu f'din il-ħarġa, huma ta' D. Mikiel Galea.*

## 1. *Strofa*

Rit: *Madonna Ta' Pinu,*
*Omm tagħna l-Maltin,*
*Hawn f' darek ġejn' aħna*
*Għax Inti tilqagħna.*
*Madonna Ta' Pinu,*
*Quddiemek ħerqana,*
*Ġejn' aħna nitolbu*
*Biex tfittex tismagħna,*
*Biex tfittex tismagħna!*

*Ġewwa darek, f' dik is-sikta,*
*Ġie ikellmek il-Mulej;*
*Lilna wkoll, fis-skiet u l-ġabra,*
*Ikellimna il-Mulej!*

F'dak iż-żmien, l-Anġlu Gabrijel, mibgħut minn Alla Setgħan għand Tfajla minn Nażaret, jisimha Marija, stqarrilha: "*Ifraħ, Maħbuba minn Alla, Int se tnissel fil-ġuf, ma jdumx ma jkollok Iben, issemmieh Ġesu'!*" ( Luqa 1, 26-31)

Minn qaddisu, il-bniedem, maħluq xbieha t'Alla, fil-qiegħ ta' qalbu jixtieq lil dan Alla! Dan possibbli biss jekk jinġabar u jiskot! F'dan is-skiet, il-Mulej, li jħobb jitkellem minn taħt ilsien, araħ jifqa' l-widnejn, kultant torox tagħna, u jsejħilna biex b'ħajjitna nagħmlu xi ħaġa sabiħa!

Hekk ġralha Karmni Grima 125 sena ilu! Ġejja siekta mill-għalqa u sejra lura lejn darha, kellha esperjenza tal-ġenn! F'ħemda ta' l-għaġeb, miksura biss mill-għana ħlejju tal-bilbla, tisma' min isejħilha u jgħidilha: "Ejja! Ejja! Ejja llum, għax qabel sena oħra m'intix se tkun tista' tiġi żżurni bħal dejjem!"

## 2. *Strofa*

Rit: *Madonna Ta' Pinu,*
*Omm tagħna l-Maltin,...*

*Lejn l-għoljiet Int erħejtilha,*
*Taqdi u tfaħħar lill-Mulej;*
*Aħna wkoll nixtiequ bħalek*
*Illi nservu lill-Feddej!*

F' dawk il-ġranet, Marija tqila bi Frott li ġie mill-Ispirtu s-Santu, qamet u telqet lejn l-għoljiet biex tiltaqa' ma' Eliżabetta. Din ukoll kienet tqila bi frott speċjali! Kien frott li ġie barra minn żmienu! U l-Ispirtu s-Santu għamel festa... Marija bdiet tgħanni... "*Sa fl-aħħar, il-Mulej kien ftakar fil-ħniena tiegħu!*" (Luqa 1, 39-56)

Il-Mulej li jaf isejjaħ lil kulħadd biex jagħmel xi ħaġa sabiħa, araH jimliena b'kuraġġ u b'ħeġġa biex it-teżor li jinsab fina, moħbi f'ġarar tal-fuħħar, ngħadduh malajr lill-oħrajn! Dat-teżor għandu ħafna faċċati...waħda minn

(ikompli f'paġna 12)

# Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona fis-Santwarju ta' Pinu

*mir-restawratur Godwin Cutajar*

## Storja u Teknika:

Il-pittura "Preżentazzjoni ta' Marija" (daqs pittura 252cm X 158cm, ta' Emvin Cremona hi magħmula fuq it-tila b'żebgħa probabbli taż-żejt. It-tila hi t'għamla ndustrijali, bi strat preparatorju rqieq abjad. F'ħafna partijiet l-istrati tal-preparazzjoni u ż-żebgħa huma tant irqaq li n-nisġa tat-tila għadha tidher fuq il-pittura. Fil-fatt fil-pittura l-konsistenza taż-żebgħa hi ġeneralment ta' velaturi opaki u kultant trasparenti għalkemm insibu wkoll xi żebgħa ħoxna. Xi sħab hu mpitter bil-porporina u fuq dawn dellijiet b'li jidher li huma velaturi trasparenti. Fin-naħa t'isfel hemm xi ktiba ta' dokumentazzjoni:

- il-firma ta' l-artist u s-sena li fiha saret il-pittura "CREMONA 60", kollox miktub f'għamla vertikali fuq ix-xellug (rit. 1)
- "DONAVIT" biż-żebgħa mill-artist (rit. 2) mimduda fil-parti t'isfel tal-lemin
- kitba bil-lapes "NOME E COGNOME", xi linji mimduda u ħażż li ma jinqarax li probabbli sar waqt li kien qed isir il-mużajk (rit. 2) kollox miktub mimdud fil-parti t'isfel tal-lemin.

Waqt ix-xogħol, fuq iż-żebgħa niexfa, l-artist għamel taħżis bil-lapes biex jgħinu fid-disinn:

- mad-dijadema ta' San Ġwakkin
- mal-kolonni (rit. 3)
- għall-firma tiegħu u d-data (rit. 1)
- għall-kelma "DONAVIT".

Cremona mbagħad ma mexiex eżatt mal-ħażż tal-lapes, u wkoll ħalla dan il-ħażż jidher fuq il-pittura lesta.

Fil-parti t'isfel tax-xellug tal-pittura Cremona ħalla l-preparazzjoni bajda tidher bħala partijiet l-iktar imdawla fil-pieg tal-libsa ta' Marija u fiż-żewġ ħamimiet.

F'xi partijiet tal-pittura Cremona biddel dak li kien pitter qabel ("pentimenti"):

- l-id il-leminija tal-qassis kienet sa tkun iktar 'l isfel milli hi issa
- l-ispalla tax-xellug tal-qassis qabel kienet sa tkun iktar baxxa (rit. 4)
- iż-żarbuna tal-qassis qabel kienet sa tkun ikbar
- fiż-żona tal-kolonni u bejniethom jidher li l-artist kien sa jagħmel xi disinn ġjometriku b'linji dijagonali kontra xulxin
- il-komma tal-libsa ta' Marija kienet sa tkun iktar wiesgħa milli hi issa
- in-naħa ta' fuq ta' ras Marija kienet sa tkun iktar 'l isfel milli hi issa


Rit. 1


Rit. 2


Rit. 3


Rit. 4



GRAZZI LIL BANK OF VALLETTA LI QED JIFFINANZJA

- in-naħa t'isfel tal-libsa ta' Marija jidher li kienet sa tkun differenti minn kif inhi llum
- il-pala ta' l-id u l-mant mal-polz ta' Sant'Anna li t-tnejn kienu sa jkunu iżgħar
- ir-rokna tal-mant ta' Sant'Anna parti t'isfel li qabel kienet sa tkun iżgħar
- il-profil tal-mustaċċi u l-leħja ta' San Ġwakkin qabel kienu sa jkun iktar 'il gewwa
- it-taraġ li kien sa jkun ogħla.

Il-pittura fiha tliet postijiet fejn hemm ċarċir ta' żebgħa ta' l-artist (rit. 5).

Maż-żebgħa tal-pittura nsibu xagħar li wisq probabli ħareġ mill-pinzell waqt li l-artist ikun ipitter jew inkella jħallat iż-żebgħa fuq il-paletta. F'din il-pittura hemm tliet daqsijiet ta' xagħar (0.5cm, 0.7cm u 1.8cm).

Il-komma tal-libsa ta' Marija fiha bosta ħażż bil-lapes li m'għamlux l-artist u wisq probabbli sar waqt ix-xogħol tal-mużajk. (rit. 6).

Din il-pittura kienet ġiet miġbuda u miżmuma bil-"pins" fuq tilar ta' l-injam li għandu ġonot fissi u għas-saħħa żewġ traversi orizzontali, u hekk waslet sa żmienna (rit. 7). Għal xi raġuni l-għoli tat-tilar kien erba' ċentimetri iżgħar minn tal-pittura u għalhekk parti orizzontali min-naħa t'isfel kienet mitwija għal wara u ma kenitx tidher (rit. 2).

Il-pittura kellha ta' l-inqas intervent wieħed ta' konservazzjoni, jew iktar, qabel dan preżenti. Jidher li kienet intlaqtet, iċċartet u hawn għandha wkoll deformazzjoni superfiċjali. It-tiċrita kienet ġiet magħluqa b'roqgħa tila (t'għamla industrijali bi strat preparatorju abjad, li wisq probabbli kienet ġiet maqtugħa mit-tarf mitwi fuq wara) li ġiet inkullata minn wara.




## Stat ta' Konservazzjoni:

It-tila, għalkemm fiha xi taqtiegħ żgħir, toqob u ksur baqgħalha elastiċita` tajba u għadha tiflaħ iġġorr il-materja pittorika. Mas-sħab roża ħdejn id il-qassis kif ukoll fil-kolonna tal-lemin









(rit. 3) hemm nuqqas ta' qbid bejn saffi taż-żebgħa. Xi rqajja ta' żebgħa waqgħu minn ma' l-istrat preparatorju tat-tila jew bl-istrat preparatorju b'kollox u ntilfu. Iż-żebgħa għandha qsim irqieq ħafna tul in-naħa l-qasira, dan forsi għax qabel inġibdet fuq it-tilar setgħet għamlet xi żmien imrambla.

Fir-rokna tal-lemin ta' fuq in-nuqqas ta' żebgħa u preparazzjoni huma kotrana, it-tila hi mtebbgħa (quddiem u wara) u xi ftit dgħajfa. Dan jista' juri li hawnhekk fl-imgħoddi l-pittura setgħet kienet ixxarbet.

Din il-ħsara strutturali msemmija mhix estensiva. Kollox ma' kollox is-saffi tal-pittura (żebgħa, preparazzjoni u tila) għadhom sħaħ fihom infushom, imqabbda tajjeb flimkien, u għaldaqstant jista' jingħad li l-pittura mhix fi stat ħażin ta' konservazzjoni. Il-pittura għandha ħmieġ ħafif li nġabar fuqha maż-żmien.

It-tilar hu fi stat tajjeb ta' konservazzjoni iżda mhux sħiħ biżżejjed biex iġorr pittura ta' dan id-daqs.

## Konservazzjoni u Restawr:

Il-pittura ġiet imneħħija minn fuq it-tilar. Billi l-integrita` strutturali tal-pittura għadha mhux ħażin u xi deformazzjonijiet superfiċjali ma tantx jagħtu fil-għajn, għaldaqstant l-interventi ta' konservazzjoni strutturali setgħu isiru b'mod lokalizzat. Partijiet dgħajfa fit-tila bħal ksur, toqob jew taqtiegħ żgħir ġew imsaħħa b'konsolidant termoplastiku. Ir-roqgħa ta' tila li kienet twaħħlet fl-intervent ta' konservazzjoni ta' qabel ġiet mibdula b'waħda iktar fina. Biċċa tila li tixbaħ kemm jista' jkun lit-tila oriġinali ġiet imwaħħla fit-tarf mnejn qabel kienet inqatgħet biċċa, għalkemm din ma tidhirx għax hi mitwija.

Il-pittura mbagħad ġiet miġbuda fuq tilar ta' l-injam ġdid li għandu ġonot espandibli bil-kavilji u sħiħ biżżejjed biex iġorr il-pittura. Id-daqs ta' dan it-tilar sar bħal dak tal-pittura biex hekk issa tidher kollha. Għalkemm in-naħa ta' fuq tal-pittura hi fit-tond, it-tilar sar f'għamla rettangolari ħalli kemm jista' jkun ma tinħebiex it-tila żejda u għax l-artist hekk ħalliha.

Wara li saru l-provi tat-tindif, in-naħa l-impittra ġiet imnaddfa b'sistema mekkanika u kimika. Il-ħażż tal-lapes li sar mill-artist tħalla għax hu parti mill-materja oriġinali u wkoll għax ma jtellifx mid-dehra ġenerali tal-pittura. It-tħarbix bil-lapes in-naħa t'isfel kif ukoll dak fuq il-komma ta' Marija tnaddaf b'mod li jidher ftit inqas. It-tebgħa fit-tila fir-rokna tal-lemin ta' fuq ma kienx ħafif li titnaddaf.

Il-mili taż-żebgħa n-nieqsa ("lacunae"), meħtieġ biex il-pittura tkun tidher iktar preżentabli, sar b'żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi opaki; dawk bil-preparazzjoni nieqsa wkoll huma iktar fondi u għalhekk ġew l-ewwel mimlijin bi stokk. Il-partijiet nieqsa fis-sħab li fihom il-porporina ġew mimlija b'taħlita ta' żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi trasparenti ftit iżjed ċara mill-kuntest ("a sotto tono"). In-naħat it-twal tal-pittura ma kenux dritti, u għalhekk il-partijiet ma' dan il-perimetru li baqgħu jidhru bojod tul dawn in-naħat ġew mimlija biż-żebgħa biex jidhru inqas.

Dan ix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr inbeda f'Settembru 2007 u tlesta f'Mejju 2008. Mal-perimetru tal-pittura twaħħlet lista wiesgħa 0.5cm ta' l-injam bil-varniċ biex jitgħattew it-tila mitwija u l-imsiemer.

## Konservazzjoni Preventiva:

Il-pittura konservata u restawrata (rit. 8) ddendlet fis-sagristija tas-Santwarju Ta' Pinu li għal dan il-għan ġiet mgħammra bħala mużew bl inizjattiva tar Rettur il-W.R. Dr. Gerard Buhagiar. Il-pittura għandha tkun ventilata, m'għandhiex tixxarrab u għandha tiġi osservata kull sitt xhur fuq quddiem kif ukoll fuq wara ħalli jsir intervent ta' konservazzjoni u restawr minnufih jekk maż-żmien tkun qed issirilha xi ħsara. ♦

(ikompli minn paġna 9)



dawn il-faċċati hija s-sens ta' ħniena li aħna nuru ma' l-oħrajn: ma' min hu bil-ġuħ, ma' min hu bil-għatx, mal-barrani, ma' min hu għeri, ma' min hu marid, ma' min hu fil-ħabs...

"*Alla ried li l-messaġġ ta' Bintu Marija lil Karmela Grima, ma jibqax magħluq ġo qalbha, imma joħroġ fil-beraħ, kemm għan-nies ta' żmienha, kif ukoll għalina llum!*" (Arċisqof Pawlu Cremona, Omelija tat-22 ta' Ġunju 2008)

### *3. Strofa*

*Rit: Madonna Ta' Pinu,*
*Omm tagħna l-Maltin,..*

*Fuq għolja oħra tlajt imnikkta,*
*Ma' ġenb Ibnek mislub bqajt;*
*Verġni mbierka, Omm qalbiena,*
*Uri miegħi din il-Ħniena.*

Fuq il-"*Qorriegħa*", hemm Alla-Bniedem qed imut! Ħdejn is-salib ta' dan l- Agonizzant, hemm wieqfa Ommu Marija u d-Dixxiplu l-Maħbub. Ġesu` jilmaħhom u jagħtihom b'rigal lil xulxin: "*Mara, hawn hu Ibnek! Ġwanni, hawn hi Ommok!*" Marija, li tara daqshekk ħniena tfawwar mill-Qalb ta' Binha, terfa' fuq spallejha l-ministeru tal-ħniena! (Ġwanni 19, 25-27)

Kemm tbatija ġo fina u madwarna! Xi ħadd qal: "*Il-bniedem jitwieled jibki u jmut b'demgħa f'għajnejh!*" Hemm xi sens fit-tbatija li jbati l-bniedem? Jekk tħares mill-għajnejn tal-bnedmin, it-tbatija ma tagħmel ebda sens. Fid-dinja sekolarista tal-lum, it-tbatija...li xi drabi twassal anki għall-mewt, hija wieħed mill-fallimenti t' Alla! Imma għal min jemmen, il-morr tat-tbatija jista' jkollu tifsira u valur. "*Jekk il ħabba tal qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut tagħmel ħafna frott.*" (Ġwanni 12, 24) Il-mara, meta tkun se tiled tħossha mdejqa...iżda meta tkun twieldet it-tarbija, tifraħ ħafna għax tara li tkun welldet bniedem ieħor fid-dinja. *(ara Ġwanni 16, 21)*

Lil Franġisk Portelli, ġuvni twajjeb mill-Għarb, il-Madonna Ta' Pinu stednitu: "*Xerred id-devozzjoni lejn il-pjaga l-moħbija li Ġesu` ġarrab fuq spalltu Hu u tiela' l-Kalvarju mgħobbi bis-salib!*"

### *4. L-Aħħar strofa*

*Rit: Madonna Ta' Pinu,*
*Omm tagħna l-Maltin,...*

*F'das-Santwarju aħna ġejna.*
*F'din id-dar minn tal-Mulej;*
*Id f'id miegħek ikoll nimxu*
*lejn l-għamara tal-Feddej!*

"*Wara li temmet ħajjitha fuq l-art, l-Immakulata Omm Alla Marija...kienet imtellgħa fil-glorja tas-sema bir-ruħ u l-ġisem!*" (Piju XII, *Munificentissimus Deus*, 1 ta' Novembru 1950)

Matul ħajjitha fuq l-art, għalkemm imnissla mingħajr tebgħa ta' dnub, Marija ta' Nażaret għaddiet mill-passatur dejjaq tat-tbatija! Jum fost l-oħrajn, għaliha wkoll waslet "*is-siegħa*" li tgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier! Imma billi kien safja u sabiħa, ġisimha ma kellux għalfejn jinżera' fit-taħsir biex iqum ġisem li ma jitħassarx... Bħal Ġesu` Binha, wara tlitt ijiem midfuna fil-qabar, Marija ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Aħna pajżana tas-sema pajjizna, imma billi aħna samor bid-dnub, ġisimna jrid jgħaddi mit-taħsir biex iqum rebbieħ fuq il-mewt.

Lil Karmni Grima, il-Madonna Ta' Pinu ħeġġitha biex tirreċita tliet Ave Marijiet f' ġieħ it-tlitt ijiem li ġisimha dam fil-qabar qabel tela' s-sema! ♦

# Il-PELLEGRINAĠĠ...

## *xbieha tal-mixja tan-Nisrani lejn is-Santwarju tas-Sema*

*minn d. Gerard Buhagiar*




Ħafna huma dawk li ħadu sehem xi darba f'pellegrinaġġ. Xi jfisser għalina l-Pellegrinaġġ? Għaliex jsir? Kif għandi nieħu sehem? F'dawn il-ftit paġni ser nipprovaw nirrispondu fil-qosor għal dawn id-domandi.

Għal dawk li jemmnu fi Kristu, l-ħajja hija mixja lejn is-Santwarju tas-sema, il-Ġenna: *"Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi"* (2Tim 4, 7). Il-bniedem hu maħluq minn Alla biex jgħix ma' Alla fis-sema. F'din il-mixja lejn is-sema l-bniedem mhux waħdu, anzi jekk nifthu l-Kotba Mqaddsa nintebħu li l-ewwel pellegrin huwa Alla nnifsu.

### • Alla Pellegrin

Fil-ktieb tal-Ġenesi nsibu li wara li Alla ħoloq il-bniedem fuq xbieha tiegħu u poġġieh fl-Għeden, Alla spiss kien jinżel jippassiġġa miegħu, Alla u l-bniedem jgħixu flimkien. Il-bniedem ġie mqarraq, u flok għażel li jkompli jimxi ma' Alla, għażel li jimxi 'l- bogħod minn Alla. Dan kollu seħħ minħabba d-dnub.

Dlonk il-Mulej Alla niżel mill-ġdid fil-ġnien kif issoltu kien jagħmel, niżel ifittex lill-bniedem: *"U semgħu ħoss il-Mulej Alla jitlajja fil-ġnien għaż-żiffa tal-jum, u nħbew Adam u martu minn wiċċ il-Mulej qalb is-siġar."*[1] Il-bniedem jinħeba, jimxi 'l-bogħod minn Alla, iżda Alla jinżel ifittex lill-bniedem, Alla jibqa' jimxi mal-bniedem u jagħmillu mistoqsija importanti ħafna: *"Fejn int?"* (Ġen 3, 9). Mhux għaliex Alla ma jafx fejn hu l-bniedem, iżda għaliex permezz ta' din il-mistoqsija Alla jixtieq li l-bniedem jinduna fejn jinsab, jinduna li spiss qed jimxi l-bogħod minnu, u għalhekk qed jitlef id-direzzjoni tal-pellegrinaġġ tiegħu. Din il-mistoqsija, l-Mulej illum qed jagħmilha lili u lilek: *"Fejn int? Fejn inti miexi, fejn sejjer?"*

Alla huwa l-ewwel pellegrin li jfittex li jiltaqa' mal-bniedem. Alla għadu pellegrin! U dan isib il-qofol tiegħu fi Kristu, l-Iben ta' Alla ħaj, li niżel mis-sema u ġie hawn ifittex lin-nagħġa l-mitlufa biex kif isibha jerfagħha fuq spallejh u jeħodha lura fil-maqjel. Kristu għadu pellegrin, għadu jimxi fostna biex jiġborna f'merħla waħda sa ma' jseħħ dak il-jum *"meta Kristu jerħi s-saltna f'idejn Alla l-Missier"*[2]. Ninsabu f'mixja ta' salvazzjoni. Kristu ġa' fdiena b'demmu, iżda Kristu għadu jaħdem s-salvazzjoni tagħna. Din il-ħidma ta' Kristu ssib il-qofol tagħha fit-tieni miġja tiegħu, meta huwa jiġbor lil kulħadd f'riġlejn il-Missier, meta: *"Bi Kristu, ma' Kristu, u fi Kristu, jingħata lilek Alla Missier li tista' kollox, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, kull ġieh u glorja għal dejjem ta' dejjem"*.[3] Dak inhar ningabru ilkoll, fil-glorja tas-Sema biex nkantaw bla heda l-innu tal-glorja lill-Missier: "*Qaddis, Qaddis, Qaddis*".

## • Il-Bniedem Pellegrin

Issa jekk Alla huwa pellegrin, daqshekk ieħor il-bniedem li huwa maħluq fuq xbieha tiegħu, huwa pellegrin. Il-bniedem jeħtieġ li ta' kuljum mingħajr ma jaqta' qalbu jkompli din il-mixja tiegħu lejn is-sema, għaliex *"aħna pajżana tas-sema"*.[4] Prattika sabiħa fil-ħajja tan-nisrani li tgħinna niftakru dan kollu u li fl-istess ħin tgħinna nagħtu risposta għall-mistoqsija profonda dwar ħajjitna, dwar fejn aħna sejrin u fejn irridu naslu, hija d-drawwa tal-pellegrinaġġi lejn is-santwarji.

Il-pellegrinaġġ u santwarju huma marbuta flimkien, għaliex kull pellegrin jimxi lejn xi santwarju u kull santwarju għandu bżonn tal-pellegrin. Infatti d-Drittu Kanoniku jgħidilna li s-santwarju huwa: *"knisja jew post sagru - dejjem bl-approvazzjoni ta' l-Ordinarju (isqof), - li lejh issiru diversi pellegrinaġġi u dan minħabba xi devozzjoni speċjali"*[5] li l-poplu juri lejn dan il-post qaddis.

## 1. Il Pellegrinaġġ fl-Antik Testment

Nistgħu ngħidu li l-Pellegrinaġġ huwa antik daqs kemm hu antik il-bniedem. Għaliex jekk fl-Għeden l-ewwel bniedem mexa 'l-bogħod minn Alla, aktar minn hekk fil-bniedem hemm ix-xewqa li jimxi lejn Alla. Il-kotba ta' l-Antik Testment huma mimlija b'din l-esperjenza ta' pellegrinaġġi. Insemmu fosthom il-pellegrinaġġi ta' Abraham, ta' Isakk, Ġakobb lejn Sikem, Betel u Mamre, fejn Alla wera ruħu u wiegħed l-Art Mqaddsa.[6]

Għandna mbagħad l-akbar pellegrinaġġ tal-Poplu Lhudi mmexxi minn Mose`, dak tal-ħelsien mill-jasar ta' l-Eġittu lejn il-muntanja tal-Mulej, is-Sinaj.[7] F'dan il-post il-poplu jirċievi l-Kmandamenti ta' Alla u jwiegħed fil-preżenza ta' Mose' li minn issa l-quddiem sejjer jimxi fuq il-preċetti ta' Alla. Il-poplu Lhudi jkompli bil-mixja tiegħu lejn l-Art Imwiegħda bl-Arka li timxi fuq quddiem u dan ifakkar li l-poplu qatt ma huwa waħdu fil-pellegrinaġġ tiegħu - Alla jimxi mal-poplu li huwa għażel b'wirtu.[8]

Il-pellegrinaġġ jintemm fil-Belt ta' Ġerusalemm. Ġerusalemm issir il-Post l-aktar għażiż għaliex fiha issa hemm it-TEMPJU ta' ALLA. Infatti is-salmista jistqarr:
*"Kemm hi għażiża d-dar tiegħek,
Mulej ta' l-eżerċiti!
Tixxennaq u tinfena ruħi għat-tempju tal-Mulej,
Ngħanni ferħan b'ruħi u ġismi lil Alla l-ħaj".*[9]

It-Tempju jsir il-punt li lejh jsiru l-pellegrinaġġi, tant li ta' kull sena kienu jsiru tliet pellegrinaġġi: dak għall-Festa ta' l-Ażżmi (Għid), dak tal-Ġimgħat (Pentekoste) u l-aħħar wieħed tat-Tined. Kull familja Lhudija kienet bi ħġarha tagħmel xi wieħed minn dawn il-pellegrinaġġ. Ma ninsewx li Kristu nnifsu jiġi arrestat u maqtul f'Ġerusalem meta l-poplu Lhudi qed jiċċelebra l-Għid u Ġerusalemm hija mimlija bil-pellegrini. Anke l-Knisja titwieled mill-Predikazzjoni ta' Pietru f'Pentekoste meta: *"F'Ġerusalem kien hemm xi Lhud, nies twajba minn kull nazzjon.. Partin, nies mill-Mesapotanja, mil-Lhudija* - ...eċċ u saħansitra - *minn Ruma"*.[10]

## 2. Il-Pellegrinaġġ Kristjan

B'differenza mal-Poplu Lhudi, il-Kristjan ma' għandu l-ebda obbligu li jwettaq xi pellegrinaġġ lejn xi tempju. Dan għaliex Kristu nnifsu sar għalina t-TEMPJU ĦAJ ta' Alla, u fil-persuna tiegħu twettaq il-pellegrinaġġ definitiv tal-Bniedem, meta ġie fostna u meta *"waslet is-siegħa tiegħu għadda minn din id-dinja għal għand il-Missier"*.[11] Il-ħajja tan-nisrani hija pellegrinaġġ lejn is-sema, mhux ta' b'xejn fit-tielet Talba Ewkaristika nitolbu lill-Missier u ngħidulu: "*Wettaq fil-fidi u fl-imħabba l-Knisja tiegħek tul il-mixja (pellegrinaġġ) tagħha fid-dinja*"[12]. Il-Knisja hija il-Ġisem Mistiku ta' Kristu, permezz tal-magħmudija aħna sirna membri ta' dan il-Ġisem. Mela l-Kristjan jaf li Kristu tela' s-sema: "*mhux biex jitbiegħed miċ-ċokon tagħna iżda biex aħna, il-membri tiegħu, inqawwu qalbna li aħna wkoll għad immorru warajh fejn mar qabilna hu, ir-Ras u l-bidu tagħna.*"[13]

Infatti fl-ewwel tliet sekli tal-Knisja, il-pellegrinaġġ ma kienx isir, u dan biex in-nisrani jifhem li ħajtu hija pellegrinaġġ lejn is-sema u biex ma jkunx hemm xi influenza

minn pellegrinaġġi lhud jew pagani li f'dawk iż-żminijiet kienu komuni.

Madanakollu l-Knisja qatt ma ikkundannat il-parattika tal-pellegrinaġġ, għaliex dejjem rat fih valur simboliku. Il-pellegrinaġġ huwa esperjenza li tgħin fil-bini tal-ħajja spiritwali tan-nisrani. L-ewwel pellegrinaġġi li niltaqgħu magħhom fl-ewwel sekli tal-Knisja kienu dawk lejn l-oqbra tal-martri, għaliex huma xhieda ħajja tal-fidi fi Kristu. In-nisrani kien jersaq fuq l-oqbra tal-martri, jitlobhom biex għinuh fil-mixja tiegħu lejn is-sema. Iżda fir-IV seklu, wara l-Paci Kostantinjana, jew aħjar il-liberta` reliġjuża li irċeviet il-Knisja u wara li nstabu xi relikwi tal-Passjoni ta' Kristu, il-Pellegrinaġġ ħa forma ġdida.

Issa in-nisrani beda jagħmel il-pellegrinaġġi tiegħu lejn l-Art Imqaddsa, biex hemm jagħti qima lil postijiet għeżiez marbuta mal-ħajja ta' Kristu. Djarju tassew interessanti dwar dawn il-pellegrinaġġi huwa l-ktieb: *"Intinerarium Egeriae"*, kitba tar-IV seklu, fejn din il-mara tirrakkonta dak kollu li rat fl-Art Imqaddsa, l-aktar lejn u fuq il-Kalvarju. Infatti kemm fuq il-qabar ta' Kristu u kemm fuq il-Għolja tal-Kalvarju jibdew jinbnew l-ewwel bażilići u dan minħabba n-numru kbir ta' pellegrini li kienu jżuru dawn il-postijiet qaddisa.

Fiż-żmien tal-Medjuevu nistgħu ngħidu li l-prattika tal-pellegrinaġġ kienet fl-aqwa tagħha. Minn dak inhar 'l hawn il-pellegrinaġġ baqa' dejjem jieħu forom differenti.

Għadda ż-żmien u nibtu diversi postijiet li lejhom in-nisrani kien jagħmel il-pellegrinaġġ tiegħu. Fost dawn insemmu l-pellegrinaġġi lejn il-belt ta' Ruma, fuq l-oqbra tal-Appostli Pietru u Pawlu, lejn relikwi għeżież tal-passjoni ta' Kristu bħalma hija l-iScala Santa, il-Knisja ta' Santa Croce di Gerusalemme. Il-pellegrinaġġ minn diversi pajjiżi lejn Santiago de Compostela u fuq kollox għadd ta' pellegrinaġġi lejn Santwarji Marjani, bħalma huma dawk ta' Loretu, Czestochowa, Fatima, Lourdes, Guadalupe u oħrajn. F'pajjiżna, drawwa antika hija l-pellegrinaġġ ta' kull nhar ta' Erbgħa minn diversi rħula t'Għawdex lejn is-Santwarju Ta' Pinu, u sintendi l-pellegrinaġġi oħra lejn santwarji oħra.

## 3. Is-Sens Spiritwali tal-Pellegrinaġġ

Id-direttorju dwar il-Pieta' popolari u l-Liturgija li ħareg mill-kongregazzjoni tal-Kult



u d-dixxiplina tas-Sagramenti fis-sena 2002, jitkellem minn 6 aspetti spiritwali tal-pellegrinaġġ.[14] Aspetti li tajjeb wieħed jagħti każhom għaliex permezz tagħhom il-pellegrin jista' jikber spiritwalment. Ngħidu xi ħaġa żgħira dwarhom:

I. L-ewwel aspett huwa dak ta' ***Dimensjoni Eskatologika.*** Il-pellegrinaġġ lejn is-Santwarju jgħin lin-nisrani jintebaħ li ħajtu hija mixja lejn is-Sema, in-nisrani huwa pellegrin (*homo Viator*). Kull pellegrinaġġ fih l-iebes u s-sabiħ, fih l-għejja u l-mistrieħ, kif fl-aħħar mill-aħħar hija ħajjitna. Ta' kuljum, in-nisrani jħabbat wiċċu ma' diversi esperjenzi, f'taqbida:
   - bejn id-dubji tal-fidi u x-xewqa li jara lil Alla,
   - jiġġieled mal-ħin li jgħaddi u jiftakar fil-ħajja eterna
   - bejn l-għejja tal-mixja u x-xewqa għal mistrieħ
   - bejn it-tbatija ta' l-eżilju u l-ferħ ta' l-art imwiegħda
   - bejn it-taħbit ta' kuljum u x-xewqa tal-mistrieħ (kontemplazjoni) eterna.

   F'kelma waħda l-pellegrinaġġ jfakkar lil kull pellegrin li *"aħna hawnhekk ma għandniex belt li tibqa' għal dejjem, iżda qegħdin infittxu dak li għad trid tiġi".*[15] Il-ħajja hija pellegrinaġġ lejn ħajja oħra li ma tispiċċa qatt.

II. **Dimensjoni Penitenzjali.** Il-pellegrinaġġ huwa imqabbel ma' mixja ta' konverżjoni. Matul il-pellegrinaġġ, in-nisrani jrid jagħmel eżami tal-kuxjenza biex jintebaħ bid-dnub tiegħu, jintebaħ li spiss huwa mexa 'l-bogħod minn Alla, u għalhekk jidħol fih innifsu biex jerġa' jsib il-valuri profondi tal-ħajja. Min jieħu bis-serjeta` il-pellegrinaġġ jasal biex tikber fih ix-xewqa li jbiddel ħajtu, li jersaq dejjem aktar lejn Alla.

III. **Dimensjoni Festiva** Jekk fuq naħa għandna d-dimenssjoni penitenzjali, hemm ukoll dimensjoni oħra, **dik festiva**, ta' ferħ. Il-pellegrin għandu jkun mimli bil-ferħ, għaliex jaf li l-pellegrinaġġ ser iwasslu biex jiltaqa' mal-Mulej. Is-salmista jesprimi dan il-ferħ qaddis u jgħid: *"Fraħt meta qaluli: Sejrin f'dar il-Mulej".*[16] Il-pellegrinaġġ jgħin biex tinkiser xi ftit il-montonija tal-ħajja ta' kuljum, huwa mument li fih jikber l-ispirtu ta' fratellenza, ta' ħbiberija. Il-pellegrinaġġ ma hux esperjenza individwali iżda huwa spiss esperjenza komunitarja. Kollha kemm aħna ninsabu f'mixja lejn is-sema.

IV. **Dimesjoni ta' Kult**. Il-pellegrinaġġ huwa ukoll att ta' qima, għax il-pellegrin jimxi biex jiltaqa' ma' Alla, jgħammar f'daru u hemm jagħtih qima. Infatti, meta l-pellegrini jaslu fis-santwarju huma jagħmlu diversi atti ta' qima li bihom jingħataw glorja, tifħir u ringrazzjament lil Alla. Dan kollu jsibu l-qofol tiegħu fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ikla tal-Mulej, l-Ewkaristija, li tfisser radd il-ħajr. It-talb tal-pellegrini jsir quddiem xi xbieha mirakoluża tal-Verġni Marija jew tal-qaddisin, u li dawn huma xhieda ħajja tal-preżenza tagħhom ħdejn il-Mulej glorjuż, għax kif qalilna huwa stess: *"Jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien"*[17] *"għax fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi hemm inkun jien f'nofshom".*[18]

V. **Dimensjoni Apostolika** Il-mixja tal-pellegrinaġġ f'ċertu sens qed issir tixbaħ lill-mixja ta' l-Appostli li għamlu ma' Kristu fil-Palestina biex iwasslu l-Bxara it-Tajba. Għalhekk il-pellegrin jrid jiftakar li l-pellegrinaġġ li qed jagħamel, hu wkoll stqarrija ta' fidi fi Kristu. In-nisrani huwa dak li għażel li jerfa' salibu kuljum u jimxi wara Kristu. Il-pellegrinaġġ ifakkar dak kollu li nagħmlu f'ħajjitna jeħtieġ li jkun jaqbel ma dak li nemmnu.

VI. **Dimensjoni ta' Komunjoni, ta' Għaqda** Il-pellegrin jimxi lejn is-Santwarju b'fidi u b'imħabba f'għaqda sħiħa ma' dawk *"li għandhom għal qalbhom il-pellegrinaġġ għat-tempju"*[19] u fl-istess ħin jiskopri li ma' ġenbu, miegħu hemm jimxi l-Mulej, kif mexa mad-dixxipli ta' Emmaws.[20] Il-pellegrin qatt ma huwa waħdu, flimkien mal-Komunita` u permezz tagħha huwa jkompli dan il-vjaġġ qaddis. Hawn il-pellegrin jista' jiskopri is-sbuħija ta' xi

tfisser il-Knisja pellegrina fuq l-art u flimkien ma' ħutu jingħaqad f'talba ħerqana lil Alla, f'għaqda sħiħa ma' tant pellegrini oħra li qablu żaru s-santwarju, kif ukoll f'għaqda sħiħa mas-sbuħija tan-natura li spiss iddawwar is-santwarji. Hekk jgħamel esperjenza sħiħa tal-preżenza ta' Kristu Rxoxt li jiġborna flimkien f'merħla waħda taħt ragħaj wieħed.

## 4. Xi punti prattiċi ta' kif għandu jsir il-Pellegrinaġġ[21]

Mela l-pellegrinaġġ ma hux mument ta' divertiment, iżda esperjenza qawwija ta' talb. Ta' min jinsisti li matul il-pellegrinaġġ jinqraw siltiet mill-Kotba Mqaddsa, biex il-pellegrin jaħseb u jitlob fuqhom u b'hekk jiftakar li l-kelma ta' Alla hija għan-nisrani: *"Fanal għal riġlejja l-kelma tiegħek, u dawl fil-mogħdija tiegħi"* [22] Għax fejn nistgħu mmorru mingħajr il-kelma ta' Alla? *"Mulej, għand min immorru? Inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem"*[23]

**Il-Bidu tal-pellegrinaġġ:** Jixraq mela li l-pellegrinaġġ **jibda b'mument ta' talb,** jew ċelebrazjoni tal-Kelma t'Alla fil-knisja jew post fejn jiltaqgħu flimkien l-insara biex jibdew il-pellegrinaġġ tagħhom. Hawn ta' min jissuġerixxi li fil-bidu tal-pellegrinaġġ issir l-barka fuq il-pellegrini.[24] Ħafna pellegrinaġġi llum jsiru bil-mezzi, pero` jixraq li l-aħħar parti tal-pellegrinaġġ issir bil-mixi biex hekk jiġu mħarsa l-aspetti spiritwali li dwarhom ġa tkellimna.

**Il-Wasla fis-Santwarju:** Din għandha issir bil-kalma kollha, għaliex hija l-aktar waħda importanti. Fejn fuq kollox il-pellegrin għandu jkollu ħin biżżejjed biex jitlob **b'mumenti twal ta' talb fis-skiet;** isib ħin biex jitħabbeb ma' Alla possibilment bis-sagrament tal-Maħfra tad-dnubiet u fl-aħħar jiċċelebra mal-komunita` s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa.

**It-Tluq lura:** Billi l-pellegrinaġġ huwa esperjenza ta' talb, jixraq li l-pellegrinaġġ jintemm b'mument ieħor ta' talb, fejn il-pellegrini jirringrazzaw lil Alla għal ġid spiritwali li Huwa xerred fuqhom matul il-pellegrinaġġ u fl-istess ħin jitolbu l-għajnuna tiegħu biex fil-ħajja ta' kuljum ikomplu jimxu warajh anke fl-aktar affarijiet żgħar ta' kuljum. B'hekk fid-dar, fil-postijiet tax-xogħol u fil-postijiet tad-divertiment huma jkomplu jkunu xhieda u dixxipli ta' Kristu. Tkun ħaġa sabiħa li fit-tmiem tal-pellegrinaġġ issir l-aħħar barka fuq dawk kollha li wettqu din il-mixja qaddisa.[25] B'hekk il-pellegrinaġġ beda b'barka, u jintemm bil-barka.

Ngħalqu din ir-riflessjoni tagħna dwar il-pellegrinaġġ bis-salm 134. Dan is-salm kien speċi ta' barka fuq il-pellegrini li jkunu waslu fit-Tempju ta' Ġerusalem u kien jingħad qabel it-tluq tagħhom minn Ġerusalem:

*Ejjew, bierku l-Mulej,*
*Qaddejja kollha tal-Mulej,*
*Intom li toqogħdu f'dar il-Mulej.*
*Erfgħu jdejkom lejn it-tempju*
*U bierku l-Mulej fil-ljieli.*
*Ibierkek il-Mulej minn Sijon,*
*Hu li għamel is-sema u l-art.* ♦

**Riferenzi**

1 Ġenesi 3, 8
2 1Kor 15,24ff
3 Talba Ewkaristika, Dossoloġija
4 Fil 3, 20
5 Dirittu Kanoniku, Kan. 1230.
6 Ara Ġenesi 12, 6-7; 13,18; 18 1-15; 28, 10-22; 33, 18-20; 35, 1-15;
7 Ara Esodu 19 - 20.
8 Ara Numri 10, 33-36 u 2Samwel 7,6.
9 Salm 84, 2-3.
10 Ara: Atti 2
11 Ġwanni 13, 1
12 Talba Ewkaristika III, interċessjonijiet.
13 L-Ewwel Prefazju ta' Lapsi
14 Direttorio su Pieta` Popolare e Liturgia. Principi e Orientamenti, Editrice Vaticana 2002, p. 240-243
15 Lhud 13, 14
16 Salm 122,1
17 Mt 28, 20
18 Mt 18, 20
19 Salm 84, 6
20 Luqa 24, 13-35
21 Direttorio su Pieta` Popolare e Liturgia. Principi e orentamenti. Editrice Vaticana 2002, p.243
22 Salm 119, 105
23 Gwanni 6, 11
24 Ara: Ktieb il-Barkiet Vol 1, Kummissjoni Liturġika Malta 1986, p 172 - 176.
25 Ara: Il-Barka Barka tal-Pellegrin wara li jiġu lura. Ktieb il-Barkiet Vol 1, Kummissjoni Liturġika Malta 1986, p 176 - 181

# Lectio Divina...




## *"Ejjew u taraw"*
**(Ġw 1, 39)**

*minn Dun Anton Teuma*

## 1. Statio:

- Qabel ma tibda titlob, mur fil-post, fejn bi ħsiebek titlob u oqgħod bil-qiegħda għal 3 - 5 minuti, biex il-ġisem jonqos fir-ritmu tiegħu. Aħseb dwar x'ser tagħmel. Aħseb fuq is-sejħa *"Ejja, ejja"* li semgħet Karmni Grima, biex tmur lejn il-kappella. Int ukoll ħejji ruħek biex tiltaqa' ma' Alla.
- Inżel għarkobbtejk, rodd is-salib u pprova idħol fil-preżenza ta' Alla. Hu diġa` qiegħed hemm! Kemm tinduna li qiegħed hemm!
- Itlob bil-mod it-talba tal-missierna. Itlob lill-Madonna, il-Mara tal-Kelma, biex tidħol għalik quddiem Binha u biex bħalha tiftaħ qalbek beraħ għal dak li jrid jgħidlek il-Mulej.

## 2. Lectio:

Qum bil-wieqfa u aqra bil-mod s-silta tal-Iskrittura: **Ġw 1,35-42**. Ikun aħjar jekk taqraha darbtejn.

*L-għada Ġwanni raġa' kien hemm ma' tnejn mid-dixxipli tiegħu. Ħares lejn Ġesu` li kien għaddej minn hemm, u qal: "Araw il-Ħaruf ta' Alla." Iż-żewġ dixxipli semgħuh jgħid dan, u marru wara Ġesu`. Ġesu` dar u rahom mexjin warajh, u qalilhom: "Xi tridu?" Iżda huma staqsewh: "Fejn toqgħod, Rabbi?" - li tfisser Mgħallem. Hu weġibhom: "Ejjew u taraw." U marru miegħu u raw fejn kien joqgħod, u dak in-nhar baqgħu miegħu. Kien ħabta ta' l-għaxar siegħa. Wieħed mit-tnejn li semgħu x'kien qal Ġwanni u marru wara Ġesu` kien Indri`, ħu Xmun Pietru. L-ewwel ma għamel mar isib lil ħuh Xmun, u qallu: "Sibna l-Messija" - li tfisser Kristu. U ħadu għand Ġesu`. Ġesu` ħares lejh u qallu: "Inti Xmun, bin Ġwanni. Inti tissejjaħ Kefa" - jew Pietru.*

**Tifsir tas-silta:**

- ***"L-għada Ġwanni ra lil Ġesu` riesaq lejh, u qal: Araw il-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja"*** (Ġw 1,35): Bħal ġrajja tal-Ħolqien fil-ktieb tal-Ġenesi (Ġen 1), anke il-ġrajja tal-Ħolqien il-Ġdid hija rrakkuntata jum wara l-ieħor fl-Evanġelju ta' San Ġwann. Fl-ewwel jum, Ġwanni l-Battista huwa mġiegħel jagħraf lilu nnifsu (Ġw 19,28). Fit-tieni jum Ġwanni jagħraf min hu Ġesu` (Ġw 1, 29-34. Fit-tielet jum (Ġw 1,35-42), Ġwanni juri lil Ġesu` lil tnejn mid-dixxipli tiegħu. Il-laqgħa ssir għarfien u l-għarfien isir esperjenza. Ġesu` jersaq lejn il-bniedem li jkun qed jistennieh. *"Tfittxuni u ssibuni, meta tfittxuni b'qalbkom kollha"* (Ġer 29,13).

- Ġesu` huwa **l-Qaddej** (taleya) **ta' Jahwe`** li jieħu fuqu l-mard tagħna. *"Ħaqruh, u hu qagħad għalihom bla ma biss fetaħ fommu; bħal ħaruf meħud għall-qatla, u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżżha, ma fetaħx fommu"* (Is 53,7). Huwa **l-Ħaruf tal-Għid**, sinjal tal-ħelsien minn kull tip ta' jasar: *"Il-ħaruf ikun bla difett, raġel, ta' dik is-sena. Tistgħu tieħdu min-nagħaġ jew mill-mogħoż. Imbagħad jieħdu mid-demm tiegħu, u jroxxuh fuq il-ġnub u l-blata tal-bibien tad-djar fejn ikunu se jikluh. Din hija l-mogħdija tal-Mulej. Għax dak il-lejl jiena ngħaddi mill-art ta' l-Eġittu u nidrob 'il kull min hu l-ewwel fost l-imwelldin fl-art ta' l-Eġittu, bnedmin u bhejjem, u nagħmel ħaqq mill-allat kollha ta' l-Eġittu: Jien, Jaħweh."* (ara Es 12,1-14), (1Kor 5,7). Ġesu` huwa **ż-żewġt iħrief tal-Yom Kippur** - Jum l-espjazzjoni; wieħed maqtul u offrut b'sagrifiċċju u bid-demm tiegħu jiġi purifikat il-poplu, u l-ieħor mitluq fid-deżert mgħobbi bid-dnubiet tal-poplu (ara Lev 16,1-34).

- ***"Iż-żewġ dixxipli semgħuh jgħid dan, u marru wara Ġesu`"*** (Ġw 1,37): l-avventura tad-dixxepolat tibda dejjem bl-esperjenza sempliċi u ordinarja tas-smiegħ. *"Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu"* (Ġw 14,23). Hekk kif iż-żerriegħa trid togħdos fl-art għammiela biex tikber u ssir siġra, hekk il-Kelma trid taqa' fuq widnejn li jisimgħuha biex tbiddel il-qalb u tagħti l-frott.

- ***"Ġesu` dar u rahom mexjin warajh, u qalilhom: Xi tridu? Iżda huma staqsewh: Fejn toqgħod Rabbi?"*** (Ġw 1,38): Ġesu` idur biex jindirizza lil xi ħadd b'mod dirett. Ġesu` idur iħares lejn dawk li jħobb. *"Ġesu` minnufih intebaħ bil-qawwa li ħarġet minnu, u dar lejn il-kotra"* (Lq 5,30). *"Meta qorob għalih iż-żmien li fih kellu jittieħed mid-dinja, b'rieda sħiħa dar u telaq lejn Ġerusalemm"* (Lq 9,51). *"U l-Mulej dar u ħares lejn Pietru; u Pietru ftakar fil-kelma li l-Mulej kien qallu"* (Lq 22,61). L-ewwel mistoqsija li jagħmel Ġesu` fil-Vanġelu ta' San Ġwann hija *"Xi tridu?"*

- ***"Hu weġibhom: Ejjew u taraw. U marru miegħu u raw fejn kien joqgħod, u dak in-nhar baqgħu miegħu. Kien ħabta ta' l-għaxar siegħa."*** (Ġw 1,39): *"Ejja"* tfisser *"ingħaqad miegħi, imxi miegħi"*. *"Dawk kollha li jagħtini Missieri jiġu għandi, u min jiġi għandi ma nkeċċiehx 'il barra; għax jiena nżilt mis-sema mhux biex nagħmel ir-rieda tiegħi, imma r-rieda ta' min bagħatni."* (Ġw 6,37-38). Dawk li jmorru, jaraw; fi kliem ieħor, jagħrfu lil Ġesu' l-Iben ta' Alla. Hekk Alla jsib postu mal-bniedem u l-bniedem isib postu ma' Alla. *"Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn. Jekk tibqgħu fija u kliemi jibqa' fikom, itolbu kull ma tridu, u jingħatalkom. Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jiena. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi. Għedtilkom dan biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ."* (Cfr. Ġw 15,1-11). *"F'dak il-jum"*: kien il-jum tant mistenni li fih sabu lil dak li kienu qed ifittxu. *"F'dak il-jum intom tagħrfu li jiena f'Missieri, u intom fija u jiena fikom."* (Ġw 14,20). In-numru 10 huwa sinjal tat-twettieq, milja; l-għaxar siegħa tfisser l-erbgħa ta' wara nofsinhar;

huwa l-mument ta' tmiem il-ħidma u l-bidu tal-mistrieħ.

- ***"Wieħed mit-tnejn li semgħu x'kien qal Ġwanni... kien Indri', ħu Xmun Pietru. L-ewwel ma għamel mar isib lil ħuh Xmun, u qallu: Sibna l-Messija. U ħadu għand Ġesu'."*** (Ġw 1,40-41): Din il-laqgħa ma' Ġesu' kienet importanti ħafna għal Indri', tant li ħass il-bżonn li jitkellem fuqha, anzi fuqu ma' ħuh Xmun. "*Sab lil Filippu u qallu: Ejja warajja... Filippu sab lil Natanjel u qallu: Sibna lil dak li fuqu kitbu Mose' fil-Liġi u l-profeti fil-kotba tagħhom*" (Ġw 1,45). Il-komunita' tad-dixxipli tikber sempliċement billi wieħed jirrakkonta l-esperjenza tiegħu lill-ieħor. "*Il-mara ħalliet il-ġarra hemmhekk, reġgħet daħlet il-belt u qalet lin-nies: Ejjew araw bniedem li qalli kull ma għamilt.*" (Ġw 4,28-29). Il-Messija huwa l-midluk li fih kellha titwettaq kull wegħda ta' Alla u kull stennija tal-bnedmin.
- ***"Ġesu' ħares lejh u qallu, Inti Xmun, bin Ġwanni. Inti tissejjaħ Kefa - jew Pietru."*** (Ġw 1,42): "*Ġesu' ħares lejh u ħabbu*" (Mk 10,21). Huma l-għajnejn li aktar mill-kliem, jikkomunikaw x'hemm fil-qalb. Xmun jibda jissejjaħ Pietru - blata. Fil-laqgħa tiegħu ma' Ġesu' l-bniedem jiskopri l-isem veru tiegħu, il-vokazzjoni vera, is-sejħa speċifika tiegħu.

## 3. Meditatio:

- Ġwanni kien għadu Betanja fejn kien ġie mistoqsi dwar l-identita' tiegħu (Ġw 1,28). Meta tiltaqa' verament miegħek innifsek, fl-istess waqt tiltaqa' ma' Ġesu'.
- Aħna dixxipli tal-Kelma. Ġesu' huwa l-mudell li aħna d-dixxipli rridu nimitaw.
- L-ewwel mistoqsija li jagħmel Ġesu' fil-Vanġelu ta' San Ġwann hija "*Xi tridu?*". X'qed infittex verament f'ħajti? Ir-risposta kienet: "*Fejn toqgħod Rabbi?*"; fi kliem ieħor, "*Int min int?*"
- Ġesu' jirnexxielu joħroġ għad-dawl u jkabbar l-aktar aspetti essenzjali tal-persuna, aspetti li sa dakinhar tal-laqgħa ma' Ġesu', spiss jibqgħu moħbija.
- F'liema jum tal-ħolqien il-ġdid inħoss li qiegħed?
- Bdejt miexi wara Ġesu' jew għadni marbut ma' Ġwanni?
- X'ser jimbuttani biex inħalli lil Ġwanni u mmur wara Ġesu'?
- Qiegħed nibqa' għal xi ħin miegħu? Ġieli rajtu b'għajnejh iffissat fuqi?
- Ġesu' qiegħed jagħtini isem ġdid. Liema hu l-isem il-ġdid tiegħi?

## 4. Oratio

- "*Ġwanni ra lil Ġesu' riesaq lejh, u qal: Araw il-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja*" (Ġw 1,35). Irrepeti t-talba li nlissnu fl-Ewkaristija: "*Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dubiet tad-dinja, ħenn għalina*".
- Iż-żewġ dixxipli staqsewh: "*Fejn toqgħod Rabbi?*", fi kliem ieħor: "*Int min int verament?*". Fit-talb, staqsi int ukoll din il-mistoqsija lil Ġesu".

## 5. Contemplatio

- Immaġina lil Ġesu' li b'imħabba jistiednek biex tgħaddi ġurnata miegħu.
- Ħoss is-sħana tal-imħabba tal-ħarsa ħanina tiegħu fuqek.
- Ħoss il-piż tad-dnubiet u tad-difetti tiegħek li jgħaddi minn fuq spallejk għal fuq spallejh.
- Isimgħu jgħajjatlek b'isem ġdid, għax permezz tal-laqgħa tiegħek miegħu inti sirt ħolqien ġdid.

## 6. Actio

- Ipprova int ukoll, bħall-ewwel dixxipli, irrakkonta l-esperjenza tal-laqgħa tiegħek ma' Ġesu' lil ħutek. Hekk minn dixxiplu inti ssir appostlu.♦

English Corner



# On Pilgrimage with Mary and Jesus

Rev. Emanuel Magro

***"Each year his parents went to Jerusalem for the feast of Passover, and when he was twelve years old, they went up according to festival custom. After they had completed its days, as they were returning, the boy Jesus remained behind in Jerusalem, but his parents did not know it. Thinking that he was in the caravan, they journeyed for a day and looked for him among their relatives and acquaintances, but not finding him, they returned to Jerusalem to look for him"*** (Lk 2: 41-45).

Pilgrimages were part of the religious calendar of Mary and Joseph, the parents of Jesus. In accordance to the Law of Moses, they used to travel annually to Jerusalem to celebrate the great feast of Passover. Luke, however, does not give any information whether they also used to go to the Temple of the Lord in Jerusalem to commemorate the feast of Booths as well as that of Pentecost as

required by the Law (see Deut 16:16 and Ex 23:14-15). These three annual pilgrimages to Jerusalem revolved around the Temple of the Lord, the shrine par excellence for the Jewish people.

Upon reaching the age of twelve Jesus' parents decided to take him with them. They introduced him to this holy ritual. They exposed him to the joys, tensions and toil of such a journey. They seem to have wanted him to let go of comfortable and familiar surroundings and break off from the normal routine of everyday life. They seem to have wanted him to meet other believers, strangers to him, and learn how to live and journey with them for a few days through unfamiliar terrain. He was to experience that joyous spirit of fraternity and sorority that characterizes such a pilgrimage. He was to appreciate the companionship that pilgrims offer one another as well as to discover the beauty of giving and receiving assistance and support to and from others. He was to share the pilgrims' resolution to reach and visit the holiest of shrines, the Temple of the Lord. Such a motivation moved them to overcome the difficulties and hardships that their pilgrimage entailed. This pilgrimage to Jerusalem must have broadened the twelve year old's outlook on life.

It seems that Jesus have enjoyed this new experience. With his parents he partook in the festivities and ceremonies associated with this pilgrimage. Such an experience must have made a great impact on him. He decided to stay in Jerusalem without his parents' consent.

Pilgrimages became part of Jesus' adult life. St John the Evangelist describes a curious incident in Jesus' life. His brothers decided to travel from Galilee to Jerusalem for the feast of Tabernacles or Booths. Jesus first decided not to go but then he changed his mind and went to the holy city in private (see Jn 7:1-10). John also describes another incident where Jesus was expected to show up in Jerusalem for Passover (Jn 11:55-56). One may conclude that the customs his parents introduced him to, became part of his life. From participating in pilgrimages with his parents, Jesus himself became a pilgrim.

Jesus' followers are pilgrims too! Like their master they are on a journey throughout their lives. Yes, they partake in pilgrimages to visit the Holy Land and the holy city of Jerusalem. Through the centuries Christians have determined particular shrines as the goal of their pilgrimage. They journeyed far and wide. They still cover hundreds of miles to a great variety of places seeking solace, healing, forgiveness and reconciliation. But the greatest pilgrimage that Christians may undertake n their own life is the journey toward the beatific vision. The true goal of the Christian is to see God face to face and to spend the rest of their lives in the eternal presence of God. As a consequence their life on earth is simply a pilgrimage.

Any pilgrimage reminds one that besides what one experiences in one's own familiar and comfortable surroundings there is something else of ultimate value. A pilgrimage demands that one learns how to let go of things, even those things one cherishes most. It sets one on a mission through unchartered territory that challenges one to discover new dimensions and hidden strengths of one's life as well as to acknowledge one's weaknesses. The companionship and fellowship of the pilgrims invite one to appreciate the presence and assistance of others. A pilgrimage may strengthen one's belief in the goodness of others and the bounty of God's grace shining through the sharing of life with others on a journey. A pilgrimage gives its participants a clear and distinct direction to their life. Pilgrims know where they are heading to and are aware of the perils that await them if they wander off from the way that lies before them. All in all a pilgrimage is a wonderful challenging and exciting experience.

The sanctuary of Ta' Pinu is at times the goal of many pilgrimages. It reminds all pilgrims that their true aspiration is to be with Jesus and his mother Mary in the glory of God the Father and God the Holy Spirit. May the Lord Jesus and his mother Mary who experienced firsthand the joys and pains of being a pilgrim sustain all the pilgrims and lead them to their true home, heaven.♦

# Ħsibijiet Marjani



**mill-ktieb**
**ta' l-Isqof Don Tonino Bello**
**miġburin minn A.C.M.**
**traduzzjoni: Mr. Gorg Cassar**




# Marija
# Mara ta' żmienna

Marija, hekk nixtiequk aħna;
li nħarsu lejk bħala waħda minn ta' ġewwa.

Iva Marija, hekk nixtiequ narawk aħna;
Bħala mara sempliċi u komuni
U mhux le bħala persuna distinta.

Iva, Marija, hekk nixtiequ narawk.
Tgħix spalla ma' spalla magħna,
titħallat man-nies, taqla' l-ħobża ta' kuljum,
titkellem u tilbes bħalna,
bl-istess drawwiet li għandna aħna.

Nixtiequ niltaqgħu wiċċ imbwiċċ miegħek
- meta tmur tagħmel ix-xirja u nisimgħuk tiġġebbed kif jagħmlu xi wħud minna;
- jew meta, bħal xi ommijiet u nanniet, tmur ħdejn l-iskola tistenna lil Ibnek ħiereġ ħa tbusu u tgħannqu u twasslu miegħek sad-dar;
- inkella meta tmur iżżur iċ-ċimiterju biex tqiegħed bukkett fjuri fuq il-qabar tal-għeżież tiegħek.

Hekk irridu narawk ilkoll kemm aħna,
qisek waħda minna, waħda tal-qalba,
kollok kemm int bħalna.
Aħna nqisuk l-istess bħalna
u bħalna tħabbat wiċċek mal-problemi
li jfaqqsu ma' kull xemx li titla'.

- Nixtiequ, Marija, narawk fostna fil-jiem ta' ferħ u ta' niket, fil-jiem tax-xogħol u fil-festi li nħobbu niċċelebraw.
- Nixtiequ narawk taqbeż għall-proxxmu fil-bżonn tagħtih daqqa t'id bi tbissima fuq fommok;
- Nixtiequ narawk taqsam magħna s-slaleb tal-ħajja u hekk tnissel fina s-sabar, it-tama u l-kuraġġ.
- Nixtiequ narawk fostna, tiftħilna qalbna u għajnejna ħa nħossu l-bżonn t'Alla li jweżinna kull ħin u kullimkien, u hekk naslu biex nifhmu li weħidna ma nistgħu nagħmlu xejn.
- Iva, nixtiequ tabilħaqq inħossuk viċin tagħna jekk jista' jkun, toqgħod bieb ma' bieb magħna fl-istess ambjent li fih trabbejna biex lilna u lil uliedna ddawwalna lkoll bid-dawl tal-eżempji sbieħ tiegħek.

**TALBA**
**Imqaddsa Marija, mara ta' żmienna,**
ejja fostna, inżel qrib tagħna
u għix mill-ġdid magħna.
Fiż-żjara tiegħek lil qaribtek Eliżabetta
int kont ħabbartilha li kull ġenerazzjoni
għad issejjaħlek hienja.
Magħhom, bir-raġun,
tingħaqad il-ġenerazzjoni tagħna
u lilek tinseġ innu ta' ħajr u foħrija,
mhux biss għal dak li fl-imgħoddi
għamel miegħek il-Mulej
imma wkoll għal dak kollu li permezz tiegħek
għadu jagħmel ma' kull wieħed u waħda minna.

Agħmel li nħossuk viċin tagħna
speċjalment aħna u għaddejjin
mit-triq imwiegħra tas-salib.
Il-problemi tagħna, li, boloh li aħna,
ġie li nġibuhom b'idejna,
int tgħixhom u taqsamhom magħna
għax tħosshom u tifhimhom.

**Imqaddsa Marija, mara ta' żmienna,**
Għinna nibqgħu nħaddnu l-fidi
li ħaddant int elfejn sena ilu;
Illum, kif taf int,
dil-fidi tinsab imhedda bla hedu...
Eħlisna mit-tentazzjoni, li ma mmorrux naħsbu li l-fidi li int ħaddant elfejn sena ilu, mhux possibbli li ngħixuha f'dan iż-żmien modern.

**Ifthilna qalbna** u moħħna ħa nagħrfu ngħożżu kif jixraq il-virtujiet sbieħ tiegħek bħalma huma l-modestja, l-umilta` u s-safa.

**Għallimna ngħożżu** wkoll il-valuri fosthom il-ġenerożita' l-ubbidjenza, il-fiduċja, it-tjubija u l-maħfra. Dawn il-virtujiet m'għaddiex żmienhom; tabilħaqq għadhom jgħoddu għall-ħajja mgħaġġla tal-lum xejn inqas milli kienu jgħoddu dari.

**Ejja mill-ġid fostna**
u agħtina edizzjoni ġdida ta' dawn il-virtujiet umani hekk sbieħ li għamluk kbira f'għajnejn Alla.

**Imqaddsa Marija, mara ta' żmienna,**
meta Kristu għażlek biex tkun omm il-bnedmin int sirt omm ta' kull ġens, omm ta' kull żmien u għalhekk, bir-raġun, aħna nqisuk bħala ommna li tagħdirna fin-nuqqasijiet kollha tagħna. Inżel hawn ħdejna u oqgħod bilqiegħda ma' ġenbna ħa nserrħu qalbna miegħek.

Nixtiequ, iva, inkellmuk fuq il-problemi li sikwit jaqtgħulna qalbna; ngħidulek bl-inkwiet kollu tagħna:

- bil-mard li xi drabi jdellel ħajjitna;
- bis-solitudni li nsibu ruħna fiha u n-niket li ġġib magħha;
- bil-paga li mhux dejjem isservina;
- bl-inċertezza dwar il-ġejjieni ta' wliedna
- bit-tentazzjonijiet li qed iħarbtu liż-żgħażagħ tagħna



- bl istil ta' ħajja mtajra u mgerfxa li qed jgħixu xi familji fostna;
- u xejn inqas bid-dnubiet li jtellfulna l-paċi tal-qalb.

**Marija, mara ta' kull żmien,**
Agħmel li nħossu l-preżenza tiegħek twennisna lejl u nhar.♦

*Ħajr lis-Sur Ġorġ Cassar tas-sehem kbir tiegħu fit-traduzzjoni ta' dawn il-paġni.*



# Sliem Għalik

*mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol G. Cauchi*

## Marija, gwida fil-vjaġġ tagħna

### Talba ta' San Ġerman, Isqof ta' Kostantinopli (630-733)

San Ġerman twieled, madwar is-sena 650 f'Kostantinopli u sar isqof ta' Cyzicus fis-sena 705. Kien patrijarka ta' Kostantinopli mill-11 ta' Awwissu 715 sas-17 ta' Jannar 730. Tqabad b'ħiltu kollha kontra l-ereżija ta' l-ikonoklastiżmu li kienet tipprojbixxi l-qima tax-xbieħat imqaddsa u tħabrek biex jiġu meqruda l-istatwi u l-pitturi tal-qaddisin.

Għall-bidu kien ħabib ta' l-imperatur Ljun III, iżda meta dan sar ikonoklasta, San Ġerman kisirha miegħu u għalhekk, ġie mġiegħel jirrizenja fis-sena 729.

San Ġerman miet fi Platanion, fis-sena 742, bejn wieħed u ieħor, meta kellu qrib il-mitt sena. Il-festa tiegħu tiġi ċċelebrata fit-12 ta' Mejju.

Mid-disa' omeliji tiegħu li għadhom jeżistu, seba' huma fuq il-Verġni Marija. Jitkellem fuqha, fost l-oħrajn, fil-prietki fuq il-Preżentazzjoni tal-Verġni Mbierka, fuq il-Lunzjata u fuq il-festa tat-tempju ddedikat lilha. Tlieta oħra huma fuq id-*dormizzjoni* tal-Verġni Mbierka, jiġifieri fuq il-mewt u t-Tlugħ tagħha fis-Sema. Għandu wkoll xi innijiet iddedikati lilha, kif wkoll priedka fuq iċ-ċintura tal-Verġni Marija, li kienet relikwa miqjuma ħafna f'Kostantinopli.

Il-Papa Piju XII, jikkwotah kemm fil-kostituzzjoni appostolika *Munificentissimus Deus* ta' l-1 ta' Novembru 1950 li biha ddefinixxa bħala domma tal-fidi li l-Verġni Marija ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Silta mill-kitbiet ta' San Ġerman, insibuha wkoll fl-enċiklika *Ad Coeli Reginam* tal-11 ta' Ottubru 1954 fuq ir-regalita` tal-Imqaddsa Verġni Marija.

San Ġerman kien isejjaħ lilu nnifsu: "l-ilsir tal-Madonna".

### TALBA
### Marija, gwida fil-vjaġġ tagħna.

*O Marija,*
*Faraġ waħdieni tiegħi,*
*Nida divina,*
*Xarba għall-għatx tiegħi,*
*Xita li tinżel minn għand Alla*
*Fuq in-nixfa ta' qalbi,*
*Fanal jilma fid-dlamijiet ta' ruħi,*
*Gwida fil-vjaġġ tiegħi,*
*Għajnuna fid-dgħufija tiegħi,*
*Kenn għall-għera tiegħi,*
*Għana għall-faqar estrem tiegħi,*
*Balzmu għall-ġerħat idemmgħu tiegħi,*
*Tmiem tad-dmugħ u l-krib tiegħi,*
*Dik li teħlisni mill-iżventuri,*
*Konfort fin-niket tiegħi,*
*Feddejja mill-jasar,*
*Tama tas-salvazzjoni tiegħi.*

*Hekk ikun, Sinjura tiegħi;*
*Hekk ikun, O kenn minn tiegħi,*
*Ħajti u l-għajnuna tiegħi,*
*Ħarsien u glorja tiegħi,*
*Tama u qawwa tiegħi.*

*Agħtini li ngawdi d-doni, liema bħalhom,*
*Ta' l-Iben tiegħek*
*Fid-dar tagħna tal-Ġenna.*
*Jiena naf li għandek,*
*Setgħa ugwali għar-rieda tiegħek,*
*Għax Inti l-Omm ta' l-Iktar Għoli,*

***U għalhekk, nagħmel il-ħila u nafda fik.***
***O Sultana, l-iktar safja,***
***Tħallinix nitqarraq fit-tamiet tiegħi. Ammen***

F'din it-talba ma jonqsux it-titli sbieħ li San Ġerman jagħti lill-Verġni Mbierka, bħal meta jsejħilha, "*Sinjura, kenn, ħajja, għajnuna, ħarsien, tama u glorja tiegħu*". Titli oħra sbieħ bħal dawn insibuhom ukoll f'kitbiet oħra, ta' San Ġerman; ngħidu aħna fil-prietka tal-Preżentazzjoni jsejjaħ lil Marija b'ħafna superlattivi: "*Iktar qaddisa mill-qaddisin, ogħla mis-smewwiet, iktar glorjuża mill-kerubini, iżjed nobbli mis-serafini, jistħoqqlok qima iktar minn kull ħlejqa oħra*".

Il-Qaddis ifisser ukoll għaliex hu u aħna wkoll, bħall insara kollha, għandna nqiegħdu t-tama tagħna, f'Binha, il-Mulej tagħna Ġesu` Kristu, u fl-Omm Imqaddsa tiegħu. Dan għaliex hija għandha s-setgħa mogħtija minn Kristu, li twettaq dak li trid. Mhux bħalna l-bnedmin, li s-setgħa tagħna hija wisq iżgħar minn dak li rridu jew nixtiequ. Fuq din il-verita` San Ġerman jibni t-tama tiegħu: "*Għalhekk nagħmel il-ħila u nafda fik*".

Marija Santissma, tfarraġna fin-niket tagħna, iddawwalna fid-dubji tagħna, tiggwidana fil-mixja tagħna lejn l-art imwiegħda. Imweżnin minn Marija, aħna nirbħu d-dgħufija tagħna, u nsalvaw ruħna.♦

---

# Fl-okkażjoni tal-125 Sena minn meta l-Madonna kellmet lil Karmni Grima
## *22 ta' Ġunju 1883*

Għaddew, tgerbu s-snin bil-ħeffa
Mija w ħamsa u għoxrin -
L-annu kien elf u tmien mija,
Magħhom sew tlieta w tmenin.

L-għodwa kienet minn ta' Ġunju,
Il-jum tat-tnejn u għoxrin,
Meta Karmni semgħet vuċi
Mill-kwadru tal-'Peruġin'.

**Ejja, Ejja,** din qaltilha,
**U lissen għal tliet darbiet**
**Dlonk is-Sliema w il-Qaddisa,**
Qalb il-ħemda, f'dak is-skiet!

**Ibqa' ċerta illi fi ħdani**
**Sejra ssib int lil Ġesu` -**
L-iben tiegħi li tant sofra,
Għajn ta' tjieba u virtu`.

Dan il-motto li qed nagħżlu
Biex infakkru din il-ġrajja!
Ejjew għandha nirrikorru
Din li tnisslet mingħajr tbajja'.

F'dan l-imkien Franġisk Portelli
Sema' l-vuċi ta' Marija
Illi qaltlu dwar il-Pjaga
Li Ġesu` kellu moħbija.

Ma nħallux ġurnata tgħaddi
Bla ma nsellmu lil Omm t'Alla;
Meta l-bniedem lilha warrab
Żgur li f'ħajtu dejjem falla!

Fis-Santwarju ġo Ta' Pinu
Qalb il-bniedem tgħum fil-ferħ;
F'dan il-maqdes f'nofs ir-raba
Ir-ruħ tagħna ssib is-serħ.

Żgur illi Ommna Marija
Għadha ssejjaħ lil uliedha
Biex mit-triq tad-dnub joħorġu
U ta' Binha jagħmlu r-rieda.

Iva għażiża Ommna Marija
Bħal Karmni rridu nwiegħduk
Illi nfaħħru l-isem tiegħek
U mħabbitna lkoll nagħtuk.

Minn Ta' Pinu itfa' ħarstek
Fuq uliedek imnikktin
Sawwab fuqhom mitt elf grazzja
Biex jgħixu dejjem henjin!

***Kav Joe M Attard***

# Mill-Ħajja tas-Santwarju



**miġbura minn**
**Ivan Attard**

## FRAR 2008

***Is-Sibt, 2:*** Fl-okkażjoni tal-Festa Liturġika tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-tempju (il-Kandlora), fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu, saret il-preżentazzjoni tat-trabi lill-Verġni Marija. Din iċ-ċelebrazzjoni kienet ippreseduta mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof Djoċesan. Din il-preżentazzjoni ssir kull sena fuq bażi djoċesana.



***L-Erbgħa, 6:*** Il-Knisja Universali ċċelebrat l-Erbgħa tar-Rmied – il-bidu tar-Randan Imqaddes. Matul ir-Randan, fis-Santwarju, inżammu numru ta' ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Kull nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Sibt filgħodu, sar it-talb tas-salmi. Il-ġurnata ta' l-Erbgħa kienet iddedikata wkoll għall-eżerċizzi spiritwali li, din is-sena, tmexxew minn Patri Karm Dimech, OFM Kapuċċin, u minn Dun Eddie Vella. Kull nhar ta' Ġimgħa, saret il-meditazzjoni tal-*Via Sagra* u kull nhar ta' Ħadd, sar it-talb tal-*Via Sagra* fuq l-Għolja ta' Għammar.

***Il-Ġimgħa, 8:*** F'din il-ġurnata, sar il-pellegrinaġġ Djoċesan ta' żmien ir-Randan. F'din is-sena speċjali li tfakkar il-125 Anniversarju mis-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu, il-pellegrinaġġ sar lejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Il-pellegrinaġġ tmexxa mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech flimkien mal-Kappillani u numru sabiħ ta' saċerdoti Għawdxin. Iċ-ċelebrazzjoni

ntemmet b'Quddiesa Solenni tas-Solennita` Liturġika tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta.

***Il-Ħadd, 17:*** Il-Ġimgħa tal-morda fid-Djoċesi ta' Għawdex intemmet b'Konċelebrazzjoni solenni fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Fiha ħadu sehem mhux biss l-anzjani iżda wkoll persuni u gruppi oħra li jagħtu l-għajnuna tagħhom lill-anzjani u lill-morda. Iċċelebra l-Ewkaristija, Mons. Giovanni Bosco Gauci, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi tagħna flimkien mar-Rev. Dun Mario Cassar, delegat ta' Mons. Isqof għall-morda u Rev. Dun Joseph Cardona, wieħed mill-Kappillani ta' l-Isptar Ġenerali t'Għawdex.



*Pellegrinaġġi:*

***Is-Sibt, 2:*** Sar pellegrinaġġ ta' tletin ruħ li jattendu l-laqgħat tal-Grupp tal-Mixja Neo-katekumenali fil-parroċċa tal-Madonna ta' Pompei, Marsaxlokk (Malta).

***Il-Ħadd, 17:*** Sar il-pellegrinaġġ penitenzjali annwali ta' Żmien ir-Randan organizzat mill-Parroċċa ta' Marija Assunta, iż-Żebbuġ, Għawdex. Iċċelebra l-Ewkaristija, l-Arċipriet tal-Parroċċa, Kan. On. Reuben Micallef.

***Il-Ħadd, 24:*** Il-komunita` ta' Ġesu` Nazzarenu (Xagħra) organizzat pellegrinaġġ għall-Bażilika tal-Madonna ta' Pinu bħala parti mit-tħejjija fil-mixja lejn l-Għid il-Kbir u fit-tifkira tal-125 Anniversarju mis-Sejħa tal-Madonna. Mal-wasla fis-Santwarju, saret Quddiesa fil-Kappella li tmexxiet mill-Kan. Anton Refalo Rapa, Rettur tal-komunita`.

***Il-Ħadd, 24:*** Sar pellegrinaġġ penitenzjali mill-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri, Ħal-Qormi. Il-pellegrinaġġ tmexxa mis-Sur Carmel Bianchi.

***It-Tlieta, 26:*** Inżamm il-pellegrinaġġ annwali ta' żmien ir-Randan organizzat mill-parroċċi taż-Żejtun, Żabbar, Żebbuġ, Luqa u Għaxaq. Dan il-pellegrinaġġ kien jinkludi t-talb tal-*Via Sagra* u Quddiesa fis-Santwarju.

## MARZU 2008

***Il-Ħadd, 2:*** Inżamm l-*Acies* tal-Grupp tal-*Juniors* li jattendu l-Leġjun ta' Marija. Iċċelebraw l-Ewkaristija, il-Kanoniċi Dun Ġużepp Tabone (Għarb) u Dun Ġorġ Farrugia (Xagħra).

***Il-Ħamis, 13:*** Filgħodu, koppja Maltija irringrazzjat lil Alla għad-don taż-Żwieġ Nisrani. Ġiet iċċelebrata Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna.

***Is-Sibt, 15:*** Ġiet organizzata *Via Crucis* fuq l-Għolja ta' Għammar mill-*Victoria Scouts Group*. Il-*Via Sagra* tmexxiet minn Dun Renato Borg u fiha ħadu sehem ukoll il-ġenituri ta' l-I*scouts*.






# Kien hemm raġel jismu Franġisk

**Kitba ta' Dun Mikiel Galea (adattata mill-ktieb 'Is-Santwarju Ta' Pinu, ċentru ta' pellegrinaġġi' ta' Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi)**
**Illustrazzjonijiet ta' Christine Renée Simoncic**



***Franġisk Portelli, mill-Għarb Għawdex, twieled fis-6 t' Ottubru 1850. Tfulitu u Żgħożitu kienu bħal tat-tfal u ż-żgħażagħ ta' żmienu. Ix-xogħol ewlieni tiegħu kien fl-għelieqi...***



***Iżda rridu ngħidu li dan Franġisk kien ruħ tajba ħafna. Kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna, speċjalment lejn il-Madonna Ta' Pinu.***

***Mela kien f' Ottubru ta' l-1886. Ommu Ċensa, mara xwejħa, mardet serjament f' qalbha u kienet f' xifer il-mewt.***



***Franġisku u ħutu Nikola u Nardu marru jżuru l-kappella Ta' Pinu u wara li qalu r-rużarju għall-fejqan t' ommhom, għamlu wegħda li jekk tfieq, huma jdendlu lampier quddiem ix-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu u joffru żejt biex dan il-lampier jinżamm mixgħul.***





***L-għada, ommhom bdiet ġejja għall-aħjar u fi żmien qasir qamet mis-sodda u għexet għal sentejn u nofs oħra. Dan huwa l-ewwel miraklu ta' fejqan registrat fl-istorja tas-Santwarju.***

***Ta' min jgħid li bħal Karmni Grima, Franġisk Portelli wkoll sema' l-leħen tal-Madonna Ta' Pinu. Semgħu għal xi sitt darbiet. Il-Madonna talbitu jxerred id-devozzjoni lejn il-pjaga l-moħbija li Ġesu` sofra fuq spalltu hu u tiela' l-kalvarju mgħobbi bis-salib.***






***Franġisk miet fl-4 ta' Frar 1926 u jinsab midfun fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu fl-istess kappella fejn hi midfuna Karmela Grima.***



***Il-Ħadd, 16:*** Solennita` ta' Ħadd il-Palm. Filgħaxija, saret il-*Via Sagra* Djoċesana fuq l-Għolja ta' Għammar. Din tmexxiet mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex, bis-sehem sħiħ tal-parroċċi Għawdxin. Il-ħsibijiet li nqraw waqt din iċ-ċelebrazzjoni huma kitba ta' Dun Michael Galea, Viċi Rettur tas-Santwarju. Din il-*Via Crucis* kienet imxandra b'mod dirett fuq Radju RTK għall-benefiċċju tal-morda u l-anzjani.

***Il-Ħamis, 20:*** Solennita` ta' Ħamis ix-Xirka. Filgħodu, ir-rettur Dun Gerard Buhagiar u s-saċerdoti li jaqdu fis-Santwarju attendew għall-Pontifikal immexxi mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech fil-Knisja Katidrali li matulu, sar it-tberik taż-Żjut Imqaddsa.

Filgħaxija, ingħata bidu għat-Tridu Mqaddes ta' l-Għid. F'dan il-jum, fakkarna t-twaqqif tas-Saċerdozju Ministerjali u ta' l-Ewkaristija Mqaddsa. Saret Konċelebrazzjoni Solenni li tmexxiet mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof *Emeritus* tad-Djoċesi tagħna. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni, Ġesu` Ewkaristija ttieħed b'mod solenni għal fuq l-Artal tar-Repożizzjoni fejn ftit ħin wara, ingħata bidu għall-Viżti li jsiru f'dan il-lejl qaddis. Iċ-ċelebrazzjonijiet kollha tat-Tridu Paskwali ġew ippreseduti mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof *Emeritus*, u kienu animati mill-Kor *Schola Cantorum Jubilate* taħt id-direzzjoni ta' Ms. Marouska Attard.

***Il-Ġimgħa, 21:*** Tifkira Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej. Għall-ħabta tat-3.30pm, saret Azzjoni Liturġika li kienet tinkludi l-Qari tar-Rakkont tal-Passjoni tal-Mulej, l-Adorazzjoni ta' l-Għuda tas-Salib, il-bews tas-Salib Imqaddes u t-Tqarbin.

***Is-Sibt, 22:*** Sibt il-Għid. Filgħodu, għat-tielet sena konsekuttiva, inżammet iċ-Ċelebrazzjoni Marjana bl-isem "Is-Sieħba ta' l-Omm". Din tmexxiet mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex. Matulha, sar il-Qari mill-Kelma t'Alla u meditazzjonijiet minn Mons. Isqof. Tard filgħaxija, inżammet il-Velja Solenni ta' l-Għid il-Kbir. Sar ir-rit tat-tberik tan-nar il-ġdid, il-mixegħla tal-blandun, il-proklamazzjoni tat-Tħabbira ta' l-Għid, il-Qari tal-Kelma t'Alla u l-Liturġija Ewkaristika.

*Pellegrinaġġi:*

***Is-Sibt, 1:*** Sar pellegrinaġġ ta' sittax-il persuna li jattendu l-komunita` ta' l-Isem Imqaddes t'Alla mill Parroċċa ta' Marija Assunta, Mosta (Malta). Fl-istess ġurnata, saru żewġ pellegrinaġġi oħra. L-ewwel pellegrinaġġ sar mill-Parroċċa ta' Santa Venera (Malta). Il-grupp talab it-talba għażiża tal-*Via Sagra* fuq l-Għolja ta' Għammar u temm il-pellegrinaġġ b'Quddiesa mmexxija mill-Kappillan, Patri Alex Scerri, Karmelitan. It-tieni pellegrinaġġ sar minn grupp ta' kandidati tas-Soċjeta` tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM). Ġiet iċċelebrata Quddiesa għalihom fis-Santwarju għażiż tal-Madonna.

***Il-Ħadd, 2:*** F'din il-ġurnata, saru żewġ pellegrinaġġi lejn is-Santwarju. Numru ta' nies minn Ħaż-Żabbar, Żejtun u Kalkara flimkien ma' xi Patrijiet Kapuċċini għamlu żjara lis-Santwarju, fejn wara li talbu l-*Via Sagra* f'dan iż-żmien tar-Randan, ipparteċipaw

fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa. Fl-istess jum, numru ta' membri tal-Leġjun ta' Marija żaru s-Santwarju.

***It-Tnejn, 10:*** Saċerdot li jaqdi l-ministeru tiegħu f'waħda mid-Djoċesijiet ta' l-Indja għamel żjara lis-Santwarju.

***It-Tnejn, 17:*** Fil-jum tat-Tnejn fil-Ġimgħa Mqaddsa, sar pellegrinaġġ penitenzjali minn grupp sabiħ ta' nies mill-Parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja (Ħaż-Żabbar). Sar it-talb tal-*Via Sagra* u l-pellegrinaġġ intemm b'Quddiesa għall-grupp immexxija minn Dun Josef Mifsud.

***It-Tlieta, 18:*** F'dan il-jum, saru żewġ pellegrinaġġi għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Numru ta' professjonisti lokali, li għal dawn l-aħħar jiem attendew irtir ta' formazzjoni f'Dar Manresa, żaru lis-Santwarju u talbu lil Marija Assunta sabiex tgħinhom jaqdu l-professjoni tagħhom bl-ikbar imħabba u karita` lejn il-proxxmu. Il-Grupp tat-Terzjarji Franġiskani Kapuċċini tal-Parroċċa ta' Marija Reġina (Marsa) ġie fis-Santwarju sabiex irodd ħajr lil Alla u lill-Verġni Marija.

***L-Erbgħa, 26:*** Grupp ta' 56 għalliem irtirat minn Malta żaru s-Santwarju. Dawn kellhom Quddiesa ċċelebrata apposta għalihom minn Mons. Anton Gauci, ex-għalliem fil-*Gozo Lyceum and Secondary Technical School.*

***Il-Ġimgħa, 28:*** Grupp sabiħ ta' Ġermaniżi Nsara ġew għall-Quddiesa fis-Santwarju. Qaddes il-Kappillan tagħhom, Pfarrer Lappart.

***Il-Ħadd, 30:*** F'dan il-jum tal-Ħniena Divina, sar pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' San Ġorġ Martri (Ħal-Qormi) li kien immexxi mis-Sur Carmel Bianchi. Il-grupp radd ħajr lil Ġesu` Ewkaristija u lill-Madonna ta' Pinu.

## APRIL 2008

***Il-Ħadd, 6:*** Ġie ċċelebrat is-Sagrament tal-Magħmudija lil Carlos Axiaq mill-parroċċa ta' San Ġorġ Martri, Victoria. Iċ-ċelebrant kien Patri George Ocar Buttigieg OFM.

***Is-Sibt, 12:*** Fil-Quddiesa tas-6.30pm, saret il-Magħmudija ta' Phoebe, bint Adrian u Andreina Fenech. Iċ-ċelebrant kien ir-Rettur tas-Santwarju, Dun Gerard Buhagiar. Fl-istess jum, saret il-Magħmudija lit-tarbija Andrew Zerafa bin Emanuel Zerafa u Diana Borg. Iċċelebra wkoll ir-Rettur tas-Santwarju.

***Il-Ħadd, 13:*** Saret il-Magħmudija ta' Clyde, iben Keith Meilak u Darlene née Portelli. Iċ-ċelebrant kien Dun Brian Meilak, Amministratur Parrokkjali tal-Parroċċa ta' Kerċem.

***Is-Sibt, 19:*** Saret Quddiesa ta' ringrazzjament għall-bżonnijiet ta' Grezzja Falzon mill-Qala fl-okkażjoni ta' għeluq sninha. Grezzja għalqet l-eta` sabiħa ta' 104 snin.

***Il-Ħadd, 20:*** Il-Knisja Kattolika ċċelebrat Jum il-Papa, fir-rikorrenza tat-tielet anniversarju mill-ħatra tal-Papa Beneditttu XVI. Dan il-jum ġie mfakkar permezz ta' Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija min-Nunzju Apostoliku, l-E.T. Mons. Tommaso Caputo, flimkien ma' l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech u numru ta' saċerdoti mid-Djoċesi ta' Għawdex. Din kienet l-ewwel żjara tan-Nunzju fis-Santwarju ta' Pinu. Fi tmiem il-Quddiesa



Solenni, ir-Rettur tas-Santwarju, Dun Gerard Buhagiar, ippreżenta lin-Nunzju kwadru tal-Madonna ta' Pinu. Iċ-ċelebrazzjoni kienet animata mill-Kor *Schola Cantorum Jubilate*.

*Pellegrinaġġi*:

***Il-Ġimgħa, 4:*** Sar pellegrinaġġ tat-tfajliet ta' Form V li jattendu l-iskejjel sekondarji Santa Maria Goretti, San Benedittu u Santa Lucia. Id-Direttur spiritwali tagħhom iċċelebra quddiesa fis-Santwarju li kienet l-aħħar quddiesa tagħhom qabel ma spiċċaw mill-edukazzjoni sekondarja tagħhom.

***Is-Sibt, 5:*** Saret *Via Sagra* u Quddiesa fuq l-għolja ta' Għammar mill-Komunita` tas-Seminarju Maġġuri ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta. It-talb tmexxa minn Dun Jimmy Bonnici, Rettur ta' l-istess Seminarju.

***L-Erbgħa, 9:*** Saret żjara fis-Santwarju minn membri tal-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Nazzjonalista tar-raħal ta' San Ġwann (Malta).

***Il-Ħamis, 10:*** Grupp volontarju ta' madwar 90 ruħ mid-Dar tal-Providenza (Siġġiewi) irringrazzjaw lill-Madonna u talbuha sabiex tkompli tħares din id-dar imbierka; *Mater Divinae Providentiae"*.

***Is-Sibt, 12:*** Saret żjara ta' talb u qima minn Mons. Armando Deni, Arċisqof Emeritus ta' Campobasso – Boiano u Mons. Angelo Spuna, Isqof ta' Sulmona.

***Is-Sibt, 19:*** Saru żewġ pellegrinaġġi lejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu f'dan il-jum. Il-*Piccolo Clero* (abbatini) tal-Parroċċa ta' Marija Bambina (Senglea Malta) flimkien mal-ġenituri tagħhom talbu lill-Madonna ta' Pinu b'quddiesa ċċelebrata għalihom mill-Arċipriet, Kan. Joe Grech. Fl-istess jum, grupp mill-parroċċa ta' San Piju X (Santa Luċija Malta) żar is-Santwarju. Il-Quddiesa ta' għeluq iż-żjara tagħhom tmexxiet minn Patri Salv Magro OFM.

***Il-Ħamis, 24:*** Grupp mill-Italja, immexxi minn Don Fabio Mazzino (Djoċesi ta' Chiavori), għamlu pellegrinaġġ fuq il-passi ta' San Pawl u fuq dawk tal-Q.T. Papa Ġwanni Pawlu II. Huma żaru s-Santwarju u talbu flimkien quddiem ix-xbieha tal-Madonna ta' Pinu.

***Is-Sibt, 26:*** Saret żjara fis-Santwarju mill-grupp li żar Lourdes fit-tifkira tal-150 Anniversarju mill-Manifestazzjoni tal-Verġni Marija f'din l-art fi Franza. Grupp ta' Maltin mill-*Catholic Renewal Movement* għamlu pellegrinaġġ lejn is-Santwarju.

***It-Tnejn, 28:*** Is-Santwarju Nazzjonali ospita ż-żjara ta' grupp ta' Awstraljani li żaru pajjiżna fuq il-passi ta' l-Appostlu Missierna San Pawl.

***It-Tlieta, 29:*** Saret żjara fis-Santwarju minn grupp ta' anzjani mill-isptar *Saint Vincent de Paule.*

## MEJJU 2008

***Il-Ħamis, 1:*** Saret iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ bejn Karl Joseph Buhagiar u Roberta Grech. Iċ-ċelebrant prinċipali kien Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet tal-Kolleġġjata-Bażilika ta' San Ġorġ Martri (Victoria) flimkien ma' Mons. Ġużeppi Attard, Arċipriet tal-Parroċċa tal-Katidral.

***Is-Sibt, 3:*** Saret Quddiesa ta' ringrazzjament lill-Madonna f'għeluq l-40 Anniversarju miż-Żwieġ ta' John u Antida Camilleri minn tas-Sliema, Malta.

***L-Erbgħa, 7:*** F'dan il-jum, ġie ċċelebrat l-ewwel Erbgħa ta' Santa Marija bi preparazzjoni għas-Solennita` ta' l-Għid ta' l-Assunta. Matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu,

l-istaff u l-istudenti tas-Seminarju Minuri ta' Għawdex żaru s-Santwarju. Numru sabiħ ta' nies resqu għas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin u għaddew ftit ħin fil-Kappella tal-Madonna. Filgħaxija, saret Konċelebrazzjoni Solenni li tmexxiet minn Mons. Carmelo Gauci, Arċipriet tal-Kolleġġjata-Bażilika tal-Viżitazzjoni, Għarb. It-tema għal dan l-ewwel minn sensiela ta' ħmistax-il Erbgħa kienet "*Marija, bint magħżula ta' Israel.*"

***Il-Ħamis, 8:*** Saret Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda miż-Żwieġ tal-koppja George u Judith Mercieca mill-parroċċa tan-Nadur. Iċċelebra l-Ewkaristija, Mons. Salv Pace.

***Is-Sibt, 10:*** Lejliet is Solennita` ta' Għid il-Ħamsin. Tard filgħaxija, fis-Santwarju Nazzjonali, inżammet il-Velja Djoċesana ta' Pentekoste. Din is-sena, il-velja saret fis-Santwarju fl-okkażjoni tal-125 Anniversarju mis-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu. It-talb tal-vġili u l-Konċelebrazzjoni tmexxew mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech flimkien ma' numru sabiħ ta' saċerdoti Għawdxin. Waqt din iċ-ċelebrazzjoni, ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija *per immersionem* lil żewġ ġuvintur.



***Il-Ħamis, 15:*** Saret Quddiesa ta' ringrazzjament lill-Madonna f'għeluq it-42 Anniversarju miż-żwieġ ta' koppja Għawdxija. Fl-istess jum, saret Quddiesa għall-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilita`

***Is-Sibt, 17:*** Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lil Kelsey Ann Mifsud, bint Martin Mifsud u Margaret nee Muscat. Iċċelebra l-Ewkaristija, is-saċerdoti Naduri Mons. Salv Pace.

***Il-Ħadd, 18:*** Fil-Kappella tal-Madonna, saret Quddiesa bl-amministrazzjoni tas-Sagrament taż-Żwieġ bejn il-koppja Alvin Galea u Charmaine Bugeja minn Malta. Qaddes Patri Charles Borg O.P.

*Pellegrinaġġi:*

***It-Tlieta, 6:*** Sar pellegrinaġġ minn grupp ta' Maltin mill-Parroċċa ta' Sant'Anna, Wied il-Għajn. Iċċelebra l-Ewkaristija, Dun Joe Cardona mill-parroċċa tan-Nadur.

***Il-Ħamis, 8:*** Grupp ta' mitt ruħ mill-Iklin żaru s-Santwarju. Mexxa s-Sur Toni Dalli. Fl-istess jum, grupp ta' tletin student mill-Iskola "Santa Monika" tal-Gżira żaru lill-Madonna. Il-pellegrinaġġ kien immexxi minn Moira Portelli.

***Il-Ġimgħa, 9:*** Bi tħejjija għall-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla fl-Arċidjoċesi ta' Malta, grupp tax-Xirka żaru s-Santwarju tal-Madonna. Il-Quddiesa ġiet iċċelebrata minn Patri Anġeliko Vella, Chaplain Nazzjonali tax-Xirka.

***L-Erbgħa, 14:*** Sar pellegrinaġġ parrokkjali mill-Parroċċa ta' San Lawrenz fl-okkażjoni tat-tieni Erbgħa ta' Santa Marija. It-tema magħżula kienet "*Il-Verġni Marija, Omm*

*il-Feddej.*" Iċċelebra l-Ewkaristija l-W.R. Dun Injazju Borg, Kappillan tal-Parroċċa Lawrenzjana.

***Il-Ħamis, 15:*** Grupp ta' Maltin mill-parroċċi tal-Mosta, Qawra, San Pawl il-Baħar u Mellieħa, żaru s-Santwarju.



***It-Tnejn, 19:*** Sar pellegrinaġġ minn grupp ta' tfal li jattendu l-iskola primarja "Santa Klara" tal-Gżira, Malta. Ġiet iċċelebrata Quddiesa għalihom fis-Santwarju. Fl-istess jum, grupp ta' tfal mill-iskola "Santa Monika" (Year 4) żaru l-Kappella tal-Madonna u għamlu talba ta' ringrazzjament f'għeluq is-sena skolastika 2007-2008. Dawn it-tfal kienu akkumpanjati mill-għalliema rispettivi tagħhom.

***It-Tlieta, 20:*** Saret Quddiesa fis-Santwarju għal grupp ta' anzjani mill-isptar *Saint Vincent de Paule.*

***L-Erbgħa, 21:*** F'din il-ġurnata, saru tliet pellegrinaġġi lejn is-Santwarju. Grupp ta' 32 mara li jattendu l-Azzjoni Kattolika tas-Siġġiewi żaru lill-Madonna ta' Pinu u rringrazzjawha għall-għajnuna li tagħtihom f'ħidmiethom. Il-pellegrinaġġ tmexxa mill-President Beatrice Balzan. Saret żjara oħra fis-Santwarju minn grupp tad-Dar tal-Providenza. Filgħaxija, sar pellegrinaġġ parrokkjali mill-Parroċċa ta' Santa Margerita V.M. (Sannat) fl-okkażjoni tat-tielet Erbgħa ta' Santa Marija. Saret Quddiesa fis-Santwarju li tmexxiet mill-Arċipriet Kan. Tarcisio Camilleri. It-tema mħejjija għal dan l-Erbgħa kienet "*Il-Verġni Marija ta 'Nazaret*".

***Il-Ħamis, 22:*** Fl-okkażjoni tal-wasla tagħhom f'Għawdex, membri mill-grupp "Lilan Group Malta" għamlu żjara lis-Santwarju Nazzjonali. Fl-istess jum, grupp ta' residenti u *carers* mid-Dar tal-Providenza irringrazzjaw lill-Madonna ta' Pinu għall-għajnuna li dejjem tagħtihom.

***Is-Sibt, 24:*** F'lejliet is-Solennita` tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, is-seminaristi tad-Djoċesi ta' Għawdex żaru s-Santwarju u raddew ħajr lil Alla u lill-Verġni Mbierka fil-wegħda solenni taċ-ċelibat qabel l-Ordinazzjoni Djakonali tas-Seminaristi Anthony Bajada, Joseph Curmi u Richard N. Farrugia (it-tlieta li huma mill-parroċċa tax-Xagħra), waqt Quddiesa mmexxija mir-Rettur tas-Seminarju, Dun Daniel Xerri. Din l-Ewkaristija ġiet iċċelebrata fil-preżenza tas-superjuri u l-komunita` tas-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex u l-kandidati għall-Ordinazzjoni Presbiterali fl-Arċidjoċesi ta' Malta.

***It-Tlieta, 27:*** Sar pellegrinaġġ parrokkjali mill-Parroċċa ta' l-Appostlu Sant'Andrija, Ħal-Luqa (Malta). Il-pellegrinaġġ tmexxa mill-Kappillan Dun Karm Camilleri u fih sar talb għall-familji tal parroċċa u għal aktar vokazzjonijiet saċerdotali. Fl-istess ġurnata, grupp ta' disgħin mara mil-*Ladies Circle* tal-Pieta` u Gwardamangia għamlu żjara lis-Santwarju.

***L-Erbgħa, 28:*** Fl-okkażjoni tar-raba' Erbgħa bi preparazzjoni għall-Għid ta' l-Assunta, filgħaxija sar pellegrinaġġ parrokkjali mill-Parroċċa ta' Marija Assunta, il-Katidral. Il-pellegrinaġġ intemm b'Quddiesa mmexxija minn Mons. Ġużepp Attard, Arċipriet tal-parroċċa. It-tema magħżula kienet "*Il-Verġni Marija f'Kana*".

***Is-Sibt, 31:*** F'dan il-jum, il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann (Malta) organizzaw il-pellegrinaġġ tal-morda li ta' kull sena jsir fil-Knisja Bażilika tal-Madonna ta' Pinu. Iċ-ċelebrazzjoni kienet immexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof Djoċesan.




# L-Għanja tal-Qaddejja
## (It-2 Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring,*
*maqlub għall-Malti*
*minn Francesco Pio Attard*

### Mimlija bil-grazzja

"Alla bagħat l-anġlu Gabrijel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazareth, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Din ix-xebba kien jisimha Marija. L-anġlu daħal għandha u qalilha: '*Sliem għalik, mimlija bil-grazzja; il-Mulej miegħek*'. Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima. Iżda l-anġlu qalilha: '*Tibżax, Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti sa tnissel fil-ġuf u jkollok iben, u ssemmih Ġesù*'" (Lq 1:26-31).

Issa waslet il-milja taż-żminijiet. Is-sinjal tal-wegħda, il-Verġni, issa ntweriet lilna; nafu isimha: Marija - l-isem ipprivileġġjat tal-pjan ta' Alla, isem li jimla lil qalbna b'fiduċja u hena.

Ma' l-anġlu tal-Mulej ngħidu: "*Sliem għalik*"; din hi l-istess bħat-talba tagħna tas-*Sliema*, li nistgħu naqilbu anki f' "*Ifraħ*". Alla nnifsu jistieden lil Marija biex tifraħ fil-miġja ta' l-era messjanika. Kif setgħet ma tithenniex meta saret taf li hi s-sinjal imwiegħed li jħabbar il-wasla tal-Prinċep tas-Sliem. Kull meta nsellmulha bis-*Sliema* aħna ningħaqdu magħha fil-ferħ u l-gratitudni tagħha.

"*Mimlija bil-grazzja*", Alla ħa grazzja magħha. Hi kollha kemm hi tal-Qaddej ta' Jaħweh li fuqu l-Mulej tkellem permezz tal-profeta: "*Araw il-qaddej tiegħi, li jiena nwieżen, il-maħtur tiegħi li fih qalbi strieħet!*" (Is 42:1). Hi sabet grazzja quddiem il-Mulej fid-dawl ta' dak li hu l-Iben il-maħbub. Il-kelmiet li bihom isellmilha Alla huma setgħana; nistgħu ngħidu li huma sinjal sagramentali effettiv. Alla jferra' fil-qalb ta' Marija l-ferħ messjaniku; hi l-ewwel waħda li dduq minn qabel il-wasla taż-żmien messjaniku. Permezz ta' rivelazzjoni speċjali Marija tagħraf li hi sinjal ta' tama, sinjal li Alla jżomm il-wegħdiet tiegħu ma' Israel. Ħajjitha kollha titkellem fuq il-fedeltà ta' Alla: "*Ftakar fil-ħniena tiegħu, bħalma wiegħed lil missirijietna, b'risq Abraham u nislu għal dejjem*" (Lq 1:54-55). Mill-bidu sat-tmiem il-ħajja ta' Marija hi mimlija bil-grazzja; għax hi trodd ħajr dejjem u kullimkien, u għalhekk hi miftuħa biex iġġarrab il-grazzja ta' Alla u biex twieġeb b'ġenerożità u gratitudni dejjem ikbar.

Il-grazzja (*charis*) m'hix xi ħaġa; hi l-imħabba ta' Alla li tiġbed lejha nfisha: Alla nnifsu jdawwar wiċċu lejna, jurina mħabbtu għalina, biex jiġbidna lejn qalbu. U l-ebda bniedem ieħor li għex qabel Marija qatt ma nġibed daqshekk qrib mill-qalb ta' Alla. Sa miż-żogħżija bikrija tagħha, waqt li kienet timmedita fuq il-profeziji messjaniċi l-kbar u l-ġrajjiet kollha ta' l-istorja tas-salvazzjoni, kull kelma żgur li kellmitha fuq l-imħabba ta' Alla li tiġbed lil kulħadd lejha.

"*Il-Mulej miegħek*". Issa wasal il-waqt kbir ta' l-istorja meta l-Verġni titgħallem u tifhem b'mod uniku l-isem "*Għimmanu-El*", "*Alla magħna*". Alla hu magħha, u hi li hi l-bint ta' Israel, l-imwiegħda tal-ġnus kollha, ma taħsibx biss fuqha nfisha. Mimlija bil-ferħ fil-preżenza tal-Feddej hi ssejjaħlu Alla *magħna*, f'isimna *lkoll*. Il-ferħ tagħha fil-preżenza tal-Feddej hu l-ferħ tagħna, u aħna ningħaqdu magħha fit-tifħir u r-radd il-ħajr tagħha.

"*Tibżax, Marija*". L-esperjenza tal-preżenza ta' Alla u r-rivelazzjoni li l-waqt li fih kellhom iseħħu l-wegħdiet qodma issa kien wasal żgur li ħarrku l-eżistenza kollha ta' Marija. Fl-umiltà tagħha ma kinitx sa tħalli lilha nfisha taħseb li hi kienet il-verġni mwiegħda. Issa Alla juri lilu nnifsu u l-pjanijiet tiegħu lil Marija. Qalbha tfur bil-ferħ, imma fl-istess ħin tħossha titkexkex minħabba l-biża' qaddis li għandha ta' Alla. Dan hu l-mument deċiżiv li fih Marija ssib, fuq livell iktar profond, is-sintesi li diġà kienet teżisti bejn ferħ u stagħġib, bejn li tifraħ għax il-Mulej hu fil-qrib u li tfaħħar l-isem qaddis tiegħu.

Il-ħajja spiritwali tagħna ma tistax tkun f'saħħitha mingħajr il-kuntrast u l-armonija ta' dawn iż-żewġ truf, il-ferħ u l-biża' qaddis. F'Marija l-biża' ta' Alla ma jistax ikun dak ta' lsira li tobdi kontra qalbha, imma l-biża' ta' bint Alla. Minkejja dan, maħsuda b'din ir-rivelazzjoni hekk ġdida, hi kellha bżonn ta' għajnuna speċjali mingħand Alla biex tirbaħ kull biża' u tafda ruħha għalkollox f'idejh, biex setgħet tabilħaqq tmiss il-grazzja li sabet quddiemu. Mill-bidu sat-tmiem hi tibqa' fil-grazzja tal-Mulej, għax hi għal dejjem umli, grata u fidila.



Infaħħruk, Missier, Sid is-Sema u l-art;
għax dak li jibqa' moħbi
għall-għorrief u l-imkabbra
int urejtu lill-qaddejja umli, Marija,
bint Sijon.
Int għażiltha biex tkun is-sultana tal-profeti,
u dan kollu int għamiltu għalina.
Agħtina li nfaħħru dejjem lil ismek
bil-qima ta' dik li int għażilt
biex tkun l-omm ta' l-Iben il-waħdieni tiegħek
magħmul bniedem.
Bl-interċessjoni ta' Marija,
u f'isem Ġesù, l-Għimmanu-El, nitolbu
li aħna wkoll ngħixu l-preżenza tiegħu
u nikbru fl-għarfien ta' ismu, "*Alla magħna*",
u nitħennew fih li hu s-sagrament il-kbir
ta' kemm int qrib tagħna.

O Marija, x'ferħ kbir hu dan
li nistgħu nsellmulek
bil-kelmiet "*mimlija bil-grazzja*".
Il-grazzja li int sibt hi għalina lkoll;
il-Mulej, li hu miegħek,
jiġi biex ikun magħna lkoll.
Dan aħna nistgħu ngħixuh jekk, bħalek,
nimtlew bil-gratitudni u l-fedeltà.
Itlob għalina
biex inkunu dejjem kapaċi nifirħu
fil-preżenza tal-Mulej.
Amen.♦



# Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

## Settembru - Diċembru 2007

**Informazzjoni miġbura minn Edward Depasquale**

***Amerika:*** Attard Mary Anne, Bajada Joe & Agnes, Borg Anthony, Buttigieg Paul & Maria, Camilleri Anthony, Camilleri Denis, Cascun Ġorġina, Galea Anthony, Galea Joseph, Galea Stella, Grech Francis, Grech Sylvia, Grima Charlotte, Haber Maria & Mario, Muscat Grace & Joe, Muscat Philip, Spiteri Patrick, Sultana Peter, Tabone Valeria, Vella George & Salvina, Vella Kelina, Vella Mike, Zammit Pawla.

***Awstralja:*** Agius Familja, Attard Carmen & John, Attard Salvu, Attard Vicky, Azzopardi Jane, Baldacchino Josephine, Bigeni Raymond, Borg Agnes & Fred, Borg Clementa, Borg Marija, Borg Marija, Buttigieg Carmen, Buttigieg Frances, Camilleri Carmen, Camilleri Felicia, Camilleri Kelinu & Saveria, Cauchi Marija, Cauchi Marlene, Cauchi Tonina, Cini Elvira, Debrincat Rita, Deguara Vicky, Farrugia Leanne, Farrugia Mary, Galea Rita, Grech J., Magro Justin, Mannion Lola & Eddie, Meilaq Richard, Mizzi John, Refalo Pauline, Saliba Marianne, Sciberras Joanne, Sultana Marija, Tabone Margaret, Teuma Natalina, Vassallo Kate, Vella Carmela, Vella Mary Anne, Zahra Andrew, Zammit Familja, Emilia, Karmenu & Kelina.

***Ewropa:*** Birgin Carol, Calleja Sonia, Govaniolo Marco, Lynn Familja, Omeara Maryie, Rodgers Maria, Stanescu Laura Silvia, Olga

***Għawdex:*** Abela Grace, Agius Geraldine, Apap Francis, Apap Mary, Attard Carmela, Attard John, Attard Mary Jane, Attard Sabrina, Axiaq Margaret, Axiaq Sunta, Azzopardi Angela, Azzopardi Fr. Francis, Azzopardi Joe, Azzopardi Karmena, Azzopardi Rita, Azzopardi Sarah, Bajada Carmel, Barnes Debreffny, Bobeys Familja, Borg Ġanni, Borg Carmen, Borg Christine, Borg Nina, Bugeja Ersilia, Bugeja Marija, Bugeja Daniela, Buttigieg Ġanna, Buttigieg Anthony, Buttigieg Carmen, Buttigieg Frenċ, Buttigieg Grace, Buttigieg John, Buttigieg Karmnu, Buttigieg Mario, Buttigieg Rita, Calleja Luċija, Camenzuli Leli, Camilleri Familja, Camilleri Frances, Camilleri Rita, Camilleri Salvina, Camilleri Jane, Camilleri Nancy, Camilleri Filomena, Carrington C., Cassar Gina, Cassar Lorainne, Cauchi Eugenio, Cauchi Maurice, Cauchi Roseanne, Cefai Susan, Cini Mary, Cordina Frances, Curmi Emanuel, Curmi Loreta, Cutajar Vincent, Debrincat Karista, Dingli Carmelo, Farrugia Alice, Farrugia Carmen, Farrugia Francis, Farrugia Jane, Farrugia John, Farrugia Karen, Galea Ġinzja, Galea Carmen, Galea Josephine, Gatt Joseph, Gauci Joe, Gauci Karmnu, Gauci Rodianne, Grech Anna, Grech Joseph, Grech Josephine, Grech Peter Paul, Grech Rose, Grima Manwel, Grima Mary Jane, Grima Nathalie, Grima Salvina, Meilak Pawla, Mercieca Jessie, Mercieca Michael, Mercieca Rose, Micallef Emanuel, Micallef Leli, Mifsud Joe, Mifsud Marija, Mintoff Marija, Mizzi Jason, Muscat Carmela, Muscat Coronata, Muscat Felicia, Muscat Frans, Muscat Jessica, Muscat Josephine, Muscat Martin, Muscat Michael, Muscat Rita, Muscat Sunta, Pace Rose Marie, Pace Sylvia, Pisani M'Ġiovanna, Portelli Marija, Portelli Sylvana, Portelli Violet, Refalo Roderick, Said Maria Assunta, Saliba Carmen, Saliba Charmaine, Saliba Josephine & John, Saliba Josephine, Saliba Mario, Schembri John, Spiteri Antoinette, Spiteri Dione, Spiteri John, Spiteri Margaret, Spiteri Marilyn, Spiteri Pawla, Sultana Ġużeppa, Sultana Carmela, Sultana Kathy, Sultana Mary, Sultana Rosaria, Sultana Thereża, Tabone Anna Marija, Tabone George, Tabone Rita, Tabone Rose, Theuma Grezzju, Vella Ċetta, Vella Carmen, Vella Charmaine, Vella Christopher, Vella Joseph, Vella Marija, Xerri Elizabeth, Xerri Kelina, Xuereb Ġanni, Xuereb Familja, Xuereb John, Xuereb Joyce, Xuereb Mary Rose, Zahra Anthony, Zahra Toni, Zammit Żarenu, Zammit Carmel, Zammit Edwidge, Zammit Marija.

***Malta:*** Abela Imelda, Abela Joseph, Agius Ġovanna, Agius Joseph, Agius Michael, Anastasi Derrick, Apap Marija, Aquilina Mary, Attard Salvu, Attard Yvonne, Azzopardi Joseph, Baldacchino Adrian, Baldacchino Fiona, Balzan Carmen, Barbara Vincent, Bencini Gordon Ray, Bezzina Saveria, Bonnici Doreen, Bonnici Jeremy, Bonnici

*ikompli f'paġna 40*



# Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu

miġbura minn Edward Depasquale

**Settembru - Diċembru 2007**

*Ewropa:* Haynes Boneham William John

*Għawdex:* Attard Decon, Bajada Amy, Bovey Maria Chrisina, Bugeja Alexia, Bugeja Amy Rose, Bugeja Duane, Bugeja Marija, Buttigieg Carl, Calleja Tonna Matteo, Cassar Azzoardi Sienna Marie, Cirillo Cameron, Cirillo Nicholas Paolo, Grima Kirsty Ann, Vassallo Anthony, Vella Kaira.

*Malta:* Abela Shanice, Anastasi Arragon, Attard Jake, Avellino Chanelle, Avellino Mirelbe, Axiaq Lauren, Azzopardi Juanka, Bajada Daniel, Baldacchino Charmelle, Baldacchino Vanya, Balzan Nathan, Balzan Daniel, Balzan Sant Thea, Bezzina Amalia, Bitar Ramona, Borg Aidan Joseph, Borg Anthea,ż Borg Maya, Borg Parnis Christa, Busuttil Aiden, Camilleri Kelsey, Camilleri Matthias, Carabott Edera, Carabott Isaac, Carabott Yesus, Cardona Aleyic, Cassar Andre', Cassar Giulia, Cassar Martina, Cassar Michela, Chetcuti Jake, Chetcuti Yasmine, Chetcuti Pirrone Alessandro, Cremona Jacob, Cutajar Amy, De Gray Alexia De Gray Ryan De Gray Thea, Debono Shayden, Decelis Julian, Deguara Chayanne, Dimech Sven, Dowling Haley, Drago Elena, Drago Sean, Falzon Hayden, Galea Carla, Galea Giuseppina, Gatt Aiden, Gatt Mattea, Gatt Sarah Maria, Gauci Maraya, Grech Miguel, Grima Chanelle, Grima Klara, Grixti Esther-Marie, Grixti Luca, Lia Dea, Magri Wayne, Magro Fabiano, Mamo Galea Kieran, Mamo Galea Noah, Marston Jake, Mascari Keyne Anne, Mercieca Christopher-John, Mercieca Francesca, Micallef Krysta, Micallef Matthias, Micallef Sheldon, Mockridge Ema, Muscat Isaac, Pace Akeem, Pace Cain, Pace Julian, Pace Kierane, Pace Luca, Pace Neil, Pace Zaida, Pisani Saraya, Polidano Aidan, Polidano Kieren, Portelli Luigi Saliba Kelvin, Sammut Karol, Scortino Leah, Spiteri Nadine, Spiteri Shezyan, Sultana Chiara, Tonna Katryna, Tonna Marco, Tonna Roseanne, Vassallo Alysia, Vassallo Emma, Vassallo Mariah, Vella Chayanne, Vella Emily, Vella Ian, Vella Micallef Giulia, Zammit Benjamin, Zammit Matteo Giorgio, Zammit Janisha, Zammit Cacciattolo Shya, Zarb Matthia.

---

*ikompli minn paġna 39*

Pawlu, Bonnici Vincent, Borg Christian, Borg Doris, Borg Jesmond, Borg Josianne, Borg Rita, Brincat Annalise, Bugeja Carmen, Bugeja Patricia, Bugeja John, Bugeja Victor, Buhagiar D., Buhagiar Ingrid, Buttigieg Rita, Cachia Ġorġina, Camenzuli Annalise, Camenzuli Carmelo, Camilleri Deborah, Camilleri Julie, Camilleri Maria Lourdes, Camilleri Owen, Camilleri Thereża, Caruana Claudia, Caruana Rita, Cascun Maria, Cascun Teresa, sha Carmel & Pawla, ssar Ġemma, Cassar Louis, Catania John, Cauchi Anglu, Cauchi Carmelo, Cauchi Josephine, Cefai Daniela, Chetcuti M'Assunta & Filomena, Chircop Lina, Cilia Michael, Cini Mary Anne, Cremona Saviour, Cumbo Familja, Cutajar Catherine, Cutajar Domenic, Cutajar Jonathan, Cutajar Tereża, Debono Rita, Debrincat Raymond, Deguara Suzanne, Delceppo Doris, Desira Mary, Diacono Nathaline, Dingli Gaetana, Dingli Mary, Ellul Marisa, Ellul Thereża, Enriquez Familja, Fanciulli Ronnie, Farrugia Alfred, Farrugia Cedric, Farrugia Charles, Farrugia Familja, Farrugia Irene, Farrugia Marija, Farrugia Mary Grace, Farrugia Rose, Farrugia Thereża, Fenech Antonella, Fenech Carmen, Fenech Rita, Fenech Vincent, Frendo Frans, Galea Jesmond, Galea Paul, Galea Yvonne, Ganado Albert, Gatt Manwel, Gatt Mary, Gauci Ġamri, Gauci Ġuża, Gauci Tessie, Giuliano Karmenu, Grech F., Grech Florence, Grech Lina, Grech Victoria, Grech Nathalie, Grima Josephine, Grima Marija, Hili Lawrence, Inguanez Maria, Lanzon Marthese, Mallia Anthony, Mallia Emanwela, Mamo Marie, Mangion Carmela, Mangion Joseph, Mangion Nicky, Micallef Evelyn, Micallef Josephine, Micallef Louis, Micallef Madelene, Micallef Mary, Micallef Rita, Micallef Salvina, Micallef Therese, Mifsud Anġlu, Mifsud Audrey, Mifsud Familja, Mifsud Joe, Mifsud Kirsten, Mifsud Pauline, Mifsud Ryan, Minuti Helen, Mizzi Familja, Muscat Antida, Muscat Antonia, Muscat Frank, Muscat Susan, Nobbs Josephine, Paris Johnny, Polidano Marika, Portelli Marisianne, Psaila Lourdes, Saliba Therese, Sammut Ġużepp, Sammut Ġużeppa, Sammut Familja, Sammut John, Sammut Mario, Sansone Pierre, Spiteri Lu'ija, Spiteri Patrick, Spiteri Rena, Tabone Leli, Vella Antonia, Vella Charmaine, Vella Peter, Vella Sonia, Warrington Marselene, Woodhouse Phyllis, Xuereb Ġwakkin, Xuereb Christinu, Xuereb Lisa, Xuereb Marica, Xuereb Mary Grace, Zahra Lino, Zammit Salvina, Tatiana & Irina.

**Fl-okkażjoni tal-125 Sena**
**mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu**
**ser joħroġ il-ktieb**

# "TA' PINU SHRINE - The Pilgrims Haven"

**miktub mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi**
**bil-lingwa Ingliża**




***Titlifx din l-okkażjoni!***

***Akkwista dan il-ktieb ġdid dwar l-istorja tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu***

168 paġna li jirrakkontaw il-ġrajjiet tas-Santwarju matul dawn il-125 sena.

16-il paġna bil-kulur.

Ritratti li juru l-ġrajjiet ewlenin tas-Santwarju.

TA PINU PUBLICATIONS




# Rigal sabiħ lill-familja u lill-emigranti tagħna...

# KALENDARJU 2009

Ritratti taċ-Ċelebrazzjonijiet li saru biex ifakkru l-125 Sena mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu.

Sentenza Marjana għal kull xahar.

Talba ta' Affidament tal-Familja lill-Madonna Ta' Pinu

NEWSPAPER POST